**<u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>**

**DECIZJONI NUMRU 2675**

**Kaz Numru 3402/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Marga Benitez-Alahija (ID53460A)**

**u**

**Winunited Limited (C-35409)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta u allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Illum 6 t'Ottubru, 2020**

**<u>Chairman: Dr Geoffrey Vella B.A. LL.D</u>**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikors ipprezentat mill-Avukat Dottor Paul Gonzi ghan-nom tar-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, fir-Registru Superjuri, fit-23 ta' Settembru 2015. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li t-tkeccija taghha kienet ngusta u mhux *redundancy* skont kif titlob il-ligi. In oltre, r-rikorrenti qieghda titlob ukoll li t-terminazzjoni tal-impieg taghha kien bi ksur tad-drittijiet taghha, u dan stante li ma nghatatx process gust (*fair process)*.

Di piu r-rikorrenti talbet li l-agir tal-kumpanija ntimata u t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienu jikkonsistu fi trattament diskriminatorju u llegali fil-konfornt taghha, u dan bi ksur ta' artikolu Kap 452 u ligijiet ohra dwar trattament ugwali fuq il-post tax-xoghol. In oltre, r-rikorrenti talbet li dan it-Tribunal sabiex jaghti kull ordni jew rimedju li jidhirlu xieraq u kif ukoll li jillikwida kumpens pagabbli lir-rikorrenti u jikkundanna lill-kumpanija ntimata thallas dak il-kumpens likwidat lir-rikorrenti.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta` intimata, Winunited Limited, fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz, ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-18 ta' Novembru 2015, irrabatiet dak riportat fir-rikors tar-rikorrenti, fejn fost diversi premessi sostniet, permezz tad-Direttur u CEO Andrew G. Smith, li t-terminazzjoni tar-rikorrenti u kif ukoll ta' shaba fil-kumpanija kienu konformi mal-ligi (S.L. 452.80) u dan wara konsultazzjoni u addirittura bl-approvazzjoni tad-Dipartiment ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet

Industrijali (DIER) fejn saru zewg laqghat fis-16 ta’ Lulju 2015 u 20 ta’ Lulju 2015. Ghalhekk is-Socjeta` ntimata talbet li dan it-Tribunal sabiex jichad, bl-ispejjez, it-talbiet tar-rikorrenti.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm tmien (8) seduta b’kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati mill-kontendenti partijiet.

Di piu’, gew ipprentati zewg noti ta’ sottomissjonijiet miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta’ dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess noti ta’ sottomissjonijiet. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta’ facilitajiet amministrattivi, bidla fic-*Chairperson,* minhabba d-diversi talbiet ta’ differimenti u stante l-fatt li din il-kwistjoni ta’ xoghol kellha tmur *sine die*.

Illi, r-rikorrenti kienet rapprezentata mill-Avukat Dottor Paul Gonzi, mentri s-socjeta` intimata kienet rapprezentata mill-Avukati Dottor Christian Farrugia, Dottor Neil Chetcuti u Dottor Damien Degiorgio.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Illi r-rikorrenti kienet ilha mpjegata mas-socjeta` intimata, bhala *Customer Care Agent,* minn Awwissu tas-sena 2009 u f’ Awwissu tas-sena 2010 giet promossa ghal *Senior Customer Agen,* su fis-sena 2011 giet promossa ghal *Head of Customer Care*.

Ir-rikorrenti fis-17 ta’ Lulju 2015 rciviet ittra (Dok. MB1)[1] li permezz taghha giet nformata li l-impjieg taghha kien gie tterminat u dan minhabba *redundancy*, u dan b’konsegwenza ta’ allegat *major operational restructuring*. Illi l-istess rikorrenti kienet giet informata bil-fomm, fit-13 ta’ Lulju 2015, li l-kariga taghha ma kinietx aktar mehtiega, u dan peress li ma kinietx “*working out*”.

Ir-rikorrenti ikkontestat din it-terminazzjoni u dan stante li qieghda ssostni li ma kienx hemm cirkostanzi ta’ *redundancy* peress li ma gewx sodisfatti l-kondizzjonjiet tal-ligi u ghalhekk it-tkeccija taghha hija ngusta. In oltre, li kien hemm *redundancy* is-socjeta` ntimata naqset milli taderixxi mall-obbligi li taghti nformazzjoni u kif ukoll li tikkonsulta mar-rikorrenti jew rapprezentanti taghha, skont artikolu 37 tal-Kap 452 u kif ukoll S.L. 452.80 (Regolamenti dwar *Collective Redundencies*). Illi r-rikorrenti ssostni li z-zmien li gew iddikjarati l-allegati *redundancies* kien wiehed intempestiv, u ghalhekk dan jirrizulta fi tkeccija ngusta u minghjar process gust.

Illi l-Ufficjal Kap Esekuttiv tas-Socjeta` ntimata kien ukoll iddikjara li kien hemm raguni ohra ghat-temm tal-impjieg tar-rikorrenti izda dan kien naqas li jaghti r-raguni a bazi ta’ kunfidenzjalita`.

[1] Dok. ‘MB1’ Ittra datata 17 ta’ Lulju 2015 mibghuta minn WINunited Limited u ffirmata mill-Ufficjal Kap Esekuttiv, Andrew G. Smith.

Illi, r-rikorrenti kienet ukoll inghatat kariga ftit granet biss qabel ma rritornat ghax-xoghol waqt li kienet bil-leave tal-maternita`. Illi dan ir-rwol gdid kien dak ta' *Project Specialist* (Dok. MB2)[2] fejn qabel kellha r-rwol ta' *Head of Customer Care*. Ir-rikorrenti qieghda tallega li dan ir-rwol kien fittizju u dan peress li f' erba' xhur hi qatt ma nghatat deskrizzjoni tad-dmirijiet taghha x'kienu. In oltre, r-rikorrenti tallega diskriminazzjoni a bazi ta' sess u/jew tqala u dan stante l-agir tas-socjeta` ntimata li mhux accettat f'socjeta` demokratika.

In oltre, r-rikorrenti tikkontendi ukoll li l-ahhar kariga taghha kienet tifforma parti mill-*Marketing Department* fuq livell ta' *senior management* u li meta thabbru r-*redundencies* kien iddikjarat mis-Socjeta` ntimata li dan id-dipartiment ma kienx se jkun milqut. Illi ghall-kuntrarju r-rikorrenti kienet giet nformata li l-kariga taghha ma kinietx ikkonsidrata bhala parti mill-*Marketing Department* u ghalhekk giet itterminata mill-impjieg.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol tharrku diversi xhieda fosthom l-Ufficjal Kap Esekuttiv, diretturi, uffcjali u rapprezentatnti tas-Socjeta` ntimata, rapprezentanti tal-impjegati, rapprezentant mid-Dipartiment ghall-Impjiegi u r-Relazzjonjijet Industrijali, kollegi u ex kollegi, u kif ukoll l-istess r-rikorrenti.

Illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2016, gewipprezentati erba' (4) affidavit ta' Andrew Guy Smith (*Chief Executice Officer*), James Patrick Humberstone (*Group Operations Manager*), John William Faley (*Chief Operating Officer*), u Michael Ellis (*Chief Technology Officer*).

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 xehed Andrew G. Smith, u cioe` l-Ufficjal Kap Esekuttiv (*CEO*) tas-Socjeta` ntimata, fejn wiegeb ghad-domandi maghmula mir-rapprezentant legali tas-Socjeta` ntimata, Dottor Neil Chetcuti u kif ghad-domandi in kontro ezami maghmula mir-rapprezentant legali tar-rikorrenti, Dottor Paul Gonzi.

Dan ix-xhud beda billi qal li r-rikorrenti kient impjegata bhala S*pecial Project Executive* u qabel il-*leave* tal-maternita` kienet impjegata bhala *Customer Care*. Ix-xhud sostna li kienu hadu d-decizjoni sabiex jaghtu din il-kariga ta' *Special Project Executive* lir-rikorrenti peress li din kienet se tidhol lura mill-leave tal-maternita` u dan wara li ghall-ewwel kienu se jaghtu din il-kariga lil xi hadd minn barra. Din il-kariga kienet inholqot sabiex jitnaqqsu r-responsabbiltajiet tal-esekuttiv fejn kienu jidhlu certi progetti. Is-sur Smith sahaq li din il-kariga kienet "*multi-functional*"[3].

Ix-xhud kompla jixhed fejn qal li l-kumpanija, ghalkemm kienet qieghda tiggenera dhul (*revenue*) kienet lahqet punt fejn l-investituri ma kienux lesti li jaghmlu tajjeb ghat-telf li kienet qieghda taghmel il-kumpanija.

---

[2] Dok. 'MB2' - Addendum to Employment Contract, 27th February 2015, fejn r-rikorrenti giet moghtija l-kariga ta' *Special Projects Executive*.

[3] Xiehda ta' Andrew G. Smith seduta tal-24 ta' Ottubru 2016, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud sostna li ghalhekk kienu hadu decizjoni li ssir fuzjoni (*merger*) ma' kumpanija ohra, bl-isem ta'GVC. Kienu bdew in-negozjati mall-imsemmija kumpanija u l-fuzjoni saret fl-24 ta' Marzu 2015 meta sar l-iffirmar ta' din il-fuzjoni.

Ix-xhud qal li l-bicca l-kbira tal-funzjonjiet minn dakinhar tal-fuzjoni, bhal tal-I.T u t-*trading team*, kienu se jigi esternalizzati (*outsourced*)[4]. Dwar il-mod kif kienu gew ikkonsidrati l-pozizzjonjiet ta' *redundancies*, ix-xhud sostna li kienu hu li kien gharraf lill-*istaff* personalment, u dan peress li ma riedx li jsir permezz ta' email jew bit-telefon.

Ix-xhud qal ukoll li kienu ltaqghu mar-rapprezentanti tal-impjegati, Kristian Cardona u Marika Bartolo dwar dawn ir-*redundancies*. Ix-xhud qal li r-rapprezentanti tal-impjegati kienu kuntenti b'dan il-process u li fehmu u accettaw u kif ukoll li ddiskutew opportunijiet ohra ghall-impjegati.

Ix-xhud sostna li hu kien baghat *email* lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi (DIER) fejn kien minflok kien ircieva risposta lura kien mar personalment Mario Galea, ufficjal mill-imsemmi dipartiment, fl-ufficcji tas-socjeta` ntimata, u dan peress f'dak il-perjodu kien hemm xi azzjonjiet industrijali ghaddejjin fid-Dipartiment. Ix-xhud qal li kienu ddiskutew dwar ic-cirkostanzi tar-*redundancies*, il-haddiema li kienu se jintalqtu mir-*redundancies*, u kif ukoll jekk kienx hemm haddiema bil-*leave* tal-maternita` u jekk kienux rritornaw ghax-xaghol.

Ix-xhud irrileva li hu kien semma' zewg ismijiet ta' haddiema li kienu bil-*leave* tal-maternita` u li dawn kienu rritornaw ghax-xoghol. Is-sur Smith sostna li dan l-ufficjal, Mario Galea kien rega' mar darba ohra fejn kien iltaqa` ma' xi impjegati li kienu milquta mir-*redunadancies* u dan sabiex dan l-ufficjal jikkjarifika x'kien qallu hu stess.

Ix-xhud sostna li l-ufficjal tad-Dipartiment kien sodisfatt b'dak li kien qieghed isir peress li s-socjeta` ntimata kienet ghamlet ftit aktar ghal dak li kien mistenni minnhom fejn jikkoncerna l-impjegati milquta minn dan il-process. Kienu saru laqghat ma' min kien jingagga l-impjegati, kienu saru sessjonjiet kif l-impjegati milquta kienu jirffinaw ic-C.V taghhom u sahansitra dawk li kienu milquta kienu permessi li juzaw l-ufficini minhabba l-laqhat.  Ix-xhud sostna li kien wera lill-ufficjal, Mario Galea, l-ittra li kien baghat lill-impjegati milquta u kif ukoll baghatlu lista tal-impjegati milquta, u kif ukoll ta' dawk l-impjegati li kienu baqghu fl-impjieg[5].

Ix-xhud qal ukoll li kien ircieva telefonata minghand ufficjal iehor mid-Dipartiment fejn informah li kien sodisfatt kemm b'dak li kien baghat lid-Dipartiment, u cioe` bl-ittra tar-*redundencies* u tal-lista tal-impjegati. Is-sur Smith qal li lir-rikorrenti kienet giet milquta minn dawn ir-*redundancies* flimkien ma' tlieta u ghoxrin impjegat iehor jew ohra.

Ix-xhud dwar ir-rikorrenti sostna li din ma kinietx haditha tajba l-ahbar li kienet giet *redundant* u kienet emozzjonata hafna. Il-*manager* taghha John Faley kien attent meta tkellem mar-rikorrenti dwar din id-decizjoni u dan peress ki kienet emozzjonata hafna. kien ukoll Ir-rikorrent kienet

[4] Xiehda ta' Andrew G. Smith seduta tal-24 ta' Ottubru 2016, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[5] Ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.

ghamlet sensiela ta' allegazzjonjiet serji fosthom li kienet giet *redundant* ghax kien ghadha kif dahlet mill-*leave* tal-maternita`, li r-*redundancy* taghha ma kinietx legali, u kienet semmiet li hi kienet kienet ukoll azzjonista (*shareholder*) fil-kumpanija, ossia s-socjeta` ntimata. Ix-xhud kompla billi qal li r-rikorrenti kienet qalet li r-rwol li kienet inghatat kien fittizzju u dan sabiex b'hekk tkun tista' tigi meqjusa *redundant* bir-regola ta' *first in first out*[6].

Ix-xhud sostna li hu kien kien qaghad attent x'tip ta' kliem juza maghha u dan peress li r-rikorrenti kienet emozzjonata hafna dakinhar u kif ukoll li minhabba s-sensittivita` tas-sitwazzjoni ma setax jaghti informazzjoni. Ix-xhud qal li dak li bdiet tallega r-rikorrenti kien kollu infondat.

Ix-xhud kompla jixhed fejn irrileva li hu meta setax jghid kollox peress li ried jiddefendi l-kaz. Is-sur Smith sostna li d-dipartiment tal-*cutomer care* huwa dipartiment difficli li zzomm motivat u dan peress li minhabba d-diffikulatijiet li kienet ghaddejja l-kumpanija min kien f'dan id-dipartiment kien se jitlef l-impjieg. Ix-xhud qal li minn meta keinu lahqu l-ftehim am' GVC dan id-dipartiment kien kollu se jigi *redundant*. Ghalhekk il-pozizzjoni tar-rikorrenti kienet xorta wahda se tigi se tigi *redundant*, sostna x-xhud Andrew G. Smith.

Ix-xhud, in oltre, sostna li meta r-rikorrenti kienet offruta l-pozizzjoni ta' *Special Project Executive* minn John Faley ma kienx ghad hemm din is-sitwazzjoni peress li l-negozjati kienu sejrin tajjeb. Kien meta gie ffirmat il-ftehim ma' GVC Ltd li kien gie deciz li d-dipartiment tal-*customer care* jkun *redundant*[7].

Ix-xhud qal li hadd mill-impjegati l-ohra ma' kien istittwixxa proceduri kontra s-socjata` ntimata, u ghalkemm ma kienux ferhana bis-sitwazzjoni dawn l-impjegati kienu rringrazzjawhom tas-sapport li kienu tawhom sabiex isibu impjieg iehor. Dan ghamlitu l-istess rikorrenti li kienet u li hu stess kien irrakkomanda lir-rikorrenti mall-kumpnaija Tipico Electronics u dan bl-intiza li ssib impjieg gdid.

Fl-istess seduta is-sur Smith gie kontra-ezaminat mill-konsulent legali tar-rikorrenti, l-Avukat Paul Gonzi. Ix-xhud wiegeb, meta ntalab sabiex jipprezenta l-korrispondenza mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi (DIER), li kif kien gia qal li ma kellux risposti peress li dan id-dipartiment f'dak il-perjodu kienu ghaddejjin azzjonjiet industrijali. Ix-xhud sostna li kien ircieva telefonata minghand l-ufficjal fi hdan id-Diaprtiment (DIER) u li ma kien hemm xejn bil-miktub.

Ix-xhud irrisponda li meta dahlu mill-*leave* tal-maternita` r-rikorrenti u kollega ohra, u li kienu se jigu milquta mir-*redundancies*. Ix-xhud baqa' jsostni li l-pozizzjoni tar-rikorrenti kienet lest bhal tal-impjegati l-ohra li kienu gew milquta u dan ghax il-pozizzjonjiet keinu gew redundant.

---

[6] Xiehda ta' Andrew G. Smith seduta tal-24 ta' Ottubru 2016, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[7] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud ghad-domanda jekk kienx informa lid-Dipartiment (DIER) li r-rikorrenti kienet inghatat pozizzjoni gdida, x-xhud wiegeb li ma kienx jiftakar u li lanqas ma kien hemm il-htiega li jispjega l-istess dipartiment li kienet accettat kariga gdida offruta lilha.

Ix-xhud sahaq li l-kariga l-gdida nghatat ir-rikorrenti bejn Jannar u Frar tas-sena 2015. Ir-rikorrenti kienet bdiet f'din il-kariga f'Marzu 2015 u dan meta rritornat mill-*leave* tal-maternita`. Ix-xhud qal li din il-pozizzjoni kien ilha li giet ikkonsidrata mis-sena 2014 u kienu ttardjaw l-ingagg taghha peress li kienu xtaqu li joffru din il-pozizzjoni lir-rikorrenti wara li tidhol mill-*leave* tal-maternita`.

Ix-xhud wiegeb li ma kienx jiftakar jekk kienux iddecidew gimgha qabel li r-rikorrenti tirritorna ghax-xoghol li joffrulha din il-kariga l-gdida. Ghad-domanda li f'Marzu kienu lahqu ftehim ma' GVC Ltd u li ftit tal-gimghat wara kariga li kienu ilhom jahsbu fuqha ghal xhur kienet se tigi *redundant*, x-xhud wiegeb li l-kariga li kienet se tirritorna ghaliha r-rikorrenti kienet se tigi *redundant*, u dan ghaliex id-dipartiment tal-*customer care* kien se jgi kollu *redundant* u dan ghax minn dejjem kien hemm l-intenzjoni li dan id-dipartiment jigi *redundant*[8].

Ix-xhud sostna ukoll li l-kariga gdida, u li din kienet offruta lir-rikorrenti, ukoll kienet giet *redundant.* Ix-xhud wiegeb ghad-domanda jekk s-socjeta` ntimata kinietx gia ftehmet mal-kumpnaija GVC Ltd dwar ir-redundencies, fejn qal li kien sar l-ebda ftehim ma' ebda kumpanija dwar *redundencies* u dan ghaliex ma riedx li jkunu nvoluti f'dawn is-sitwazzjonjiet.

Ix-xhud qal li hafna servizzi kienu gew esternalizzati (*outsourced*) bhal l-infrastruttura tal-*IT* u kif ukoll il-produzzjoni tal-*website*. Giet esternalizzata ukoll il-funzjoni tal-*H.A.*, gie ukoll esternalizzat il-*management* tal- *sportbook,* u tat-*trading team*.

Ghad-domanda jekk il-pozizzjoni tar-rikorrenti fid-dipartiment tal-*customer care*, d-dipartiment li kienet taghmel parti minnu l-istess rikorrenti, kinietx tifforma parti minnu qabel jew sal-ahhar gimgha tal-*leave* tal-maternita` taghha meta giet offruta il-kariga l-gdida ta' *Special Project Manager*, x-xhud wiegeb li dan kien korrett.

Ix-xhud sostna li dan ir-rwol kien jinkorpora fih funzjoni ta' *middle management*, u dan peress li r-rikorrenti kienet ilha tahdem fil-qasam tal-organizazzjoni ghal perjodu twil. Dan kien xoghol multifunzjonali u li kien jirrikjedi diversi manzjonjiet, bhal tigdid tal-licenza mar-regolatur, li jigu mnieda ditti godda u kif ukoll sitwazzjonijiet konnessi mall-*customer care*.

Is-sur Smith wiegeb li dan ma kienx specifikat fil-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti izda kien baghat *email* lill-impjegati kollha dwar dawn il-progetti. Ix-xhud qal li fil-kuntratt ma kien issemmi xejn dwar din il-pozizzjoni, u li kull impjegat li kien ikollu bidla fil-pozizzjoni tieghu/taghha kien jinghata ittra li kienet tikkonferma din il-bidla fil-pozizzjoni. Kull ma kien isir kien biss addenda[9].

---

[8] Seduta 24 ta' Ottubru 2016, xiehda in kontro ezami ta' Andrew G Smith, pagna 11 tat-traskrizzjoni.

[9] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.

Dwar id-deskrizzjoni tax-xoghol taghha, ix-xhud wiegeb li r-rikorrenti qatt ma kienet inghatat xejn ufficjali hlief li ntbaghtet *email* lill-impjegati li r-rikorrenti kienet inghatat il-kariga ta' *Special Project Executive*.

Ix-xhud sostna li meta GVC Ltd inghaqdet mas-socjeta` ntimata din il-kumpanija (GVC) bdiet taghti servizzi li kienu jsiru mill-impjegati, ossia l-kollegi tar-rikorrenti li gew *redundant*. Ix-xhud sostna li kienu saru xi laqghat mat-team esekuttiv u li kien jikkonsisti, f'Michael Ellis, Ross, John Faley u l-istess xhud. Kien f'dawn il-laqghat gie deciz liema pozizzjonjiet kienu se jintlaqtu mir-*redundancies*, u l-kariga tar-rikorrenti kienet wahda mill-pozizzjonijiet milquta.

Dan kollu kien sar peress li l-investitur (GVC) ma kienx ried li minhabba esigenzi kummercjali kien hemm bzonn li ssir traformazzjoni shiha. Ix-xhud kompla billi qal li l-investitur ma riedx li jibqa' johrog il-fondi, kien hemm bzonn bidla radikali. Kien propju ghalhekk li kien gie deciz li certu impjegati kellhom jitilfu xogholhom, fosthom ir-rikorrenti.

Ix-xhud ikkonferma li l-ftehim ma' GVC Limited kien intlahaq f'Marzu u l-istess rikorrenti rritornat ghax-xoghol f'din il-pozizzjoni l-gdida f'dak iz-zmien ukoll. Ix-xhud ghad-domanda li s-socjeta` ntimata kienet gia konxja tas-servizzi kienet se toffri GVC Ltd wiegeb fl-affermattiv.

Ix-xhud sostna li din il-kariga gdida nghatat lir-rikorrenti qabel ma' kien iffinalizzat il-ftehim ma' GVC Ltd. Ix-xhud kompla jzid li f'dak il-perjodu huma kienu hasbu li r-rwol tar-rikorrenti kien rwol lussuz u li kien se jtejjeb in-negozju tas-socjeta` ntimata, izda minhabba t-telf li kien qed isir kienu ddecidew li r-rwol ta' tar-rikorrenti jigi ukoll kolpit bir-*redundencies* ukoll bhal tat-tlieta u ghoxrin impjegat iehor[10].

Ix-xhud sostna li ghalkemm r-rikorrenti ma kinietx tirraporta lilu dirett, fil-kariga l-gdida, r-rikorrenti, kienet strumentali sabiex isir tigdid tal-licenza mal-Awtorita` kompetenti, kienet strumentali ghat-tnedija ta' marki godda, u kienet tiehu hsieb kwistjonjiet konnessi mal-*customer care*. Ix-xhud wiegeb li kienu John Faley u Michael Ellis li kienu jafu ezatt dwar ir-rwol tar-rikorrenti.

Meta x-xhud meta gie mistoqsi jekk kellux xi dokumentazzjoni x'juri dwar ir-redundancies u kif ukoll l-*outsourcing* tal-bicca l-kbira tas-servizzi, ix-xhud wiegeb li mid-dokumenti juru li kien hemm telf u dawn id-dokumenti huma d-dokumenti li gew sottomessi lill-Awtorita` Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Ix-xhud qal li kien se jipprezenta din id-dokumentazzjoni.

Ix-xhud wiegeb fl-affermattiv meta mistoqsi jekk negozjant li kien jaghmel attivita` kummercjali mas-socjeta` ntimata kienx baqghetx mehtiega din l-attivita` kummercjali mis-socjeta` ntimata wara li sar it-trasferiment ma' GVC Ltd[11].

Ix-xhud sostna li kien hemm grupp ta' persuni li kienu qeghdin jaghmlu diversi funzjonjiet minflok l-impjegati tas-socjeta` ntimata, u dan peress li ma kienx hemm bzonn risorsi sinifikanti mill-

[10] Seduta 24 ta' Ottubru 2016, xiehda in kontro ezami ta' Andrew G Smith, pagna 19 tat-traskrizzjoni.
[11] Ibid, pagna 22 tat-traskrizzjoni.

kumpanija GVC Ltd. Ix-xhud kompla billi qal li mad-diversi dipartimenti li kienu gew esternalizzati (*outsourced*), kien hemm ukoll id-dipartiment tal-*customer care*.

Ix-xhud irrileva li r-rikorrenti qabel giet offruta l-pozizzjoni gdida, gimgha qabel ittermina l-*leave* tal-maternita`, kienet tokkupa l-kariga ta' *Head of Customer Care*. Ix-xhud sostna ukoll li sakemm r-rikorrenti kienet bil-*leave* tal-maternita` kien hemm persuna ohra li kienet tkopri r-rwol ta' *Head of Customer Care*, u li kienet Nicole Said. Ix-xhud qal li din il-persuna kienet ilha mpjegata maghhom qabel ir-rikorrenti u li kienet f'dipartiment iehor qabel.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2017 xehdu s-sur Mario Galea, fejn ipprezenta tlett dokumenti, Dok, 'MG1', Dok. 'MG2', u Dok. 'MG3', u li kien ezaminat minn Dottor Christian Farrugia u kontro ezaminat minn Dottor Paul Gonzi. Fl-istess seduta xehdet ukoll Ms. Marika Bartolo fejn ipprezentat dokument, Dok. 'MB1'. Din ix-xhud wiegbet ukoll ghad-domandi tal-istess rapprezentanti legali hawn imsemmija.

Ix-xhud Mario Galea, ossia l-Ispettur mad-Dipartiment ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (DIER), beda biex qal li d-Dipartiment (DIER) f'Lulju 2015 kien ikkonduca spezzjoni sabiex jaccerta ruhu li l-mizuri necessarji kienu skont Regolamenti Dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien ta' l-Impiegi, S.L. 452.80).

Ix-xhud semma' li kienu rcievew ittra fil-15 ta' Lulju 2015 (Dok. 'MG1') minghand Andrew G. Smith u li hu (xhud) kellu laqgha mal-istess Andrew Smith l-ghada, u cioe` fis-16 ta' Lulju 2015. F'din il-laqgha gew diskussi l-obbligazzjonijiet tas-socjeta` ntimata, u dan peress li aktar minn ghaxar persuni kienu se jigu issensjati fi zmien tletin gurnata. Fl-istess laqgha gew diskussi r-ragunijiet u kif ukoll min kien se jintlaqghat minn dawn is-sensji kollettivi, fejn gie assikurat li dawk li kienu se jigu tterminati kien se jigi applikat il-principju ta' *last in, first out*[12].

Ix-xhud qal li hu stess kien ezamina d-dokumentazzjoni tal-lista tal-impjegati, fejn kien hemm spjegat min kein se jibqa' u min kien se jgi ssensjat. Ix-xhud ikkonferma li hu kien personalment ivverfika min kien impjegat l-ahhar sabiex ikun accerta ruhu li r-regola ta' *last in, first out* tigi osservata. Ix-xhud sostna li mil-lista li giet provduta lilu hu seta' jikkonferma li hekk kien qieghed jigri, u cioe minn dahal l-ahhar, ikun l-ewwel li jigi ssensjat f'dawk il-pozizzjonjiet milquta. Il-lista li giet provduta lix-xhud, Mario Galea, huwa Dok. 'MG2'.

Ix-xhud irrileva li hu kien rega' mar fl-ufficini tas-socjeta` ntimata fit- tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2015 u li din id-darba kien ukoll kien intervista xi impjegati. Ix-xhud spejga li l-lista li hemm f' Dok. 'MG2', hemm parti mill-impjegati immarkati (*highlighted*) u dawn kienu l-impjegati li gew issensjati (*redundant*), mentri l-ohrjan li ma kienux immarkati kienu l-impjegati li zammew posthom. Ix-xhud sostna li mill-impjegati li hu kellem dawn ikkonfermaw li kienu se jithallsu kollox dovut lilhom, l-pagi, l-*bonuses* u l-*leave*.

---

[12] Seduta 16 ta' Jannar 2017, xiehda ta' Mario Galea, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud sostna li ghalih il-procedura kienet sewwa u kif suppost. Ix-xhud semma l-ismijiet tal-impjegati li hu kien kellem dakinhar li rega' mar. Ix-xhud qal li hu kien kellem lir-rapprezentant tal-haddiem, Christian Cardona, izda dan ir-rapprezentant ma kienx prezenti meta x-xhud kellem lill-impjegati l-ohra. Ix-xhud kien tkellem mall-impjegati wiehed, wiehed. Ix-xhud sostna li hadd mill-impjegati jew ir-rapprezentanti taghhom ma kien ressaq xi ilment jew xi aggravju. Ix-xhud sahaq li Andrew Smith kien informah b'dawn is-sensji fl-ittra tal-15 ta' Lulju 2015. Ix-xhud qal li bhala raguni tas-sensji (*redundancies*) ma kienx ghadu jiftakar x'kienet. Li kien jiftakar kien li kien se jkun hemm xi bidliet fis-socjeta` ntimata.

Ix-xhud ikkonferma li hu kien hejja rapport (Dok. 'MG3'), u li kien f'forma ta' minuti tal-laqghat li hu kellu u li kien iservi ghall-uzu intern tad-dipartiment.

Ix-xhud sostna li meta kienet issir investigazzjoni minhabba s-sensji kollettivi, d-dipartiment (DIER) ikun irid jaccerta ruhu li hadd ma jigi tterminat qabel tletin gurnata. Ix-xhud kompla jixhed billi qal li d-Direttur (DIER) ikun iricieva l-ittra li kienu saru l-konsultazzjonijiet mehtiega matul il-process, u kif ukoll li r-rapprezentanti tal-impjegati kienu gew ikkonsultati.

Ix-xhud irrileva li kemm l-impjegati milquta mis-sensji li hu kien kellem u kif Andrew Smith kienu kkonfermaw mieghu li kienu thallsu ta' dak dovut lilhom u kif ukoll kienu thallsu aktar. Ix-xhud sahaq ukoll li hu kien kien kellem madwar hamsa jew sitt impjgati u li din kienet procedura normali peress li kien jittiehed kampjun (*sample*) tal-impjegati.

In kontro ezami x-xhud qal li bhala dipartiment kienu jsaqsu ghall-lista tal-impjegati u kienu jaghzlu kampjun bl-addocc (*random sample*). Ix-xhud ikkonferma ukoll li hu ma kienx kellem lir-rikorrenti meta ghamel l-intervisti lill-impjegati tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud ghad-domanda jekk kienx jaf dwar is-sensja tar-rikorrenti, x-xhud wiegeb li ma kien jaf xejn fuq il-kaz taghha, hlief li kienet fuq il-lista ta' dak l-impjegati li kienu se jigu ssensjati (*redundant*)[13].

In oltre, x-xhud wiegeb li hu ma kienx jiftakar li r-rikorrenti kienet kitbitlu personalment. Ix-xhud sahaq li hu ma jiftakarx li s-socjeta` ntimata kienet resqet xi kaz partikulari dwar ir-rikorrenti. Ix-xhud sostna li kien jaf biss li kienet fl-amministrazzjoni izda ezattament ma kienx jaf jekk hux fl-I.T jew fl-H.R., ma kienx jiftakar specifikament[14].

Ix-xhud, ghad-domanda li jekk kien ikun hemm xi haga li kienet tigbidlu l-attenzjoni tieghu u li ma kinietx skont in-norma u jekk kienx inizzilha fil-minuti li hu pprezenta lit-Tribunal, wiegeb li kien inizzilha.

Ghall-mistoqsija jekk ikun hemm bidla ricenti f'pozizzjoni u li tkun fost dawk li gew issensjati, u jekk sitwazzjoni simili kinietx thassbu, x-xhud wiegeb li kien jithasseb fuq sitwazzjoni simili. Ix-xhud qal li dawn it-tip ta' kwistjonijiet kienu jigi investigati ulterjorment. Ix-xhud sostna li d-dipartiment gieli kompla jinvestiga ulterjorment meta jkun hemm kazi ta' sensji, u meta jkun

---

[13] Seduta 16 ta' Jannar 2017, xiehda in kontro-ezami ta' Mario Galea, pagna 10 tat-traskrizzjoni.
[14] Ibid, pagna 12 tat-traskrizzjoni.

hemm xi suspetti li s-sensji ma kienux konformi ma' kif isiru s-sensji, izda mhux in generali. F'dan il-kaz partikolari ma kienx hemm aktar investigazzjonjiet, kien saru biss zewg laqghat[15].

Ix-xhud sostna li hu ma kienx indaga jekk is-socjeta` ntimata kinietx konformi mal-obbligi tal-*leave* tal-maternita`, izda mill-informazzjoni li hu kien gabar kollox kien in regola. Ix-xhud qal ukoll li kieku kien hemm xi ilment dan kien jitressaq mir-rapprezentant tal-haddiema u kien kien jigi diskuss matul il-konsultazzjonjiet li saru. Ix-xhud sostna li hu ma kienx konxju mill-ebda ilment imqajjem mir-rikorrenti.

In kontro ezami ix-xhud, Mario Galea ghad-domanda jekk wara li kienu saru l-laqghat dwar is-sensji kienx rega' ltaqa' ma' Andrew Smith dwar il-kwistjoni tar-rikorrenti, wiegeb li kien iltaqa' ma' Andrew Smith u ddiskutew il-kaz tar-rikorrenti[16].

Fl-istess seduta tas-16 ta' Jannar 2017 xehdet ukoll Ms. Marika Bartolo, l-persuna responsabbli mill-HR u l-amministrazzjoni tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud bdiet billi qalet li r-rikorrenti kienet bil-*leave* tal-maternita` u li kienet se tirritorna f'Marzu 2015. Ix-xhud kompliet tixhed fejn spjegat li fi Frar, John Faley, kien informa lill-impjegati ta' Winunited Ltd li r-rikorrenti kienet se tibda tokkupa l-kariga ta' *Special Projects Manager.* Ix-xhud qalet ukoll li dakinhar kien gie kkonfermat l-impjieg ta' Nicole Said bhala *Customer Support Manager*[17].

Ix-xhud sostniet li ghal habta ta' Lulju 2015 s-socjeta` ntimata kienet habbret li kienu se jigu ssensjati xi haddiema u dan peress li kienet se jsir ristruttur tal-kumpanija (Winunited Ltd). Ix-xhud qalet li kien Andrew Smith li kien informaha li erbgha u ghoxrin impjegat kienu se jigu ssensjati. Ix-xhud irrilevat li kienet irciviet ittra minghand Andrew Smith indirizzata lilha u lil Christian Cardona bhala rapprezentanti tal-haddiema fejn gie spjegat lilhom ir-raguni ta' dawn is-sensji (*redundancies*), ossia minhabba ristruttar, u minhabba din ir-raguni kienu se jigu ssensjati erbgha u ghoxrin haddiem. Minn dawn l-erbgha u ghoxrin haddiem, tnejn u ghoxrin minnhom kienu se jahdmu sal-31 ta' Lulju 2015, mentri zewg impjegati kienu se jahdmu sal-31 ta' Awwissu 2015. Fl-istess ittra kien hemm spjegat li l-impjegati milquta kienu se jithallsu tas-sensja (*severance pay*) u kif ukoll tal-perjodu tan-*notice.* Ix-xhud kienet qieghda taghmel referenza ghal Dok. 'MB1'.

Ix-xhud spjegat li kellhom laqghat ma' Andrew Smith hi u Christian Cardona fejn iddiskutew il-process tas-sensji. Minn dawn il-laqghat kien hareg li dawn is-sensji ma setghux jigu evitati u minhabba l-qaghda tas-socjeta` ntimata li ma kinietx tajba. Ix-xhud qalet li huma bhala rapprezentanti tal-haddiema riedu jizguraw li l-impjegati milquta kienu se jigu trattati b'mod gust u skont il-ligijiet ta' Malta. Ix-xhud sostniet li riedu jaccertaw ruhhom li l-impjegati kienu se jiehdu dak li kien dovut lilhom kemm bhala hlas tas-sensja u li jithasslu l-perjodu tan-*notice* b'mod gust.

---

[15] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.
[16] Ibid, pagna 16 tat-traskirizzjoni.
[17] Seduta 16 ta' Jannar 2017, xiehda ta' Ms. Marika Bartolo, pagna 18 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud sostniet li kien is-sur Smith li kien informal ill-impjegati permezz ta' *email* dwar dawn is-sensji u li hi u Chrstian Cardona kienu rraprezenantanti tal-istess impjegati. Ix-xhud qalet li ma kinietx prezenti ghal-laqgha li kienet saret bejn is-sur Mario Galea, s-sur Smith u Christian Cardona. Ms. Bartolo kkonfermat li l-impjegati milquta kienu thallsu l-hlas tas-sensja u kif ukoll il-perjodu tan-*notice* f'dati specifici.

Ghad-domanda jekk ir-rikorrenti kinietx ghamlet kuntatt maghha dwar is-sensja taghha, x-xhud wiegbet li r-rikorrenti kienet ghamlet kuntatt maghha dwar l-FS3, l-assigurazzjoni (*insurance cover*) u l-perjodu tal-*leave*. Ix-xhud sostniet li r-rikorrenti qatt ma tkellmet maghha dwar is-sensja taghha[18].

In kontro-ezami x-xhud qalet li kien ilha mpejgata mas-socjeta` ntimata mis-26 ta' Novembru 2015 u rapprezentanta tal-impjegati mit-13 ta' Lulju 2015. L-impjegati kienu nfurmati permezz ta' email li hi kienet ir-rapprezentanta taghhom. Ix-xhud sostniet li hi u Christian Cardona, kienu rcievew ittra minghand Andrew Smith fejn kienu mgharrfa b'dawn is-sensji (Dok. 'MG. 1')[19].

Ix-xhud sostniet li ma kien sar l-ebda process fejn hi u Christian Cardona kienu ntghazlu mill-istess impjegati sabiex jirrapprezentawhom. Ix-xhud sahqet li dawn is-sensji kienu inevitabbli peress li n-negozju tas-socjeta` ntimata kien sejjer hazin ma kienx qieghed isir profitt. Ix-xhud kienet saret taf b'dan kollu minghand Andrew Smith.

Ix-xhud wiegbet fl-affermattiv ghad-domnda jekk hi kinietx qaghdet fuq dak li kien qallha Andrew Smith. Ix-xhud sostniet li hi ma ghamlet l-ebda verifiki fir-rekords, jew l-*accounts* jew l-*audit reports* tas-socjeta` ntimata biex tara jekk kienx hemm bzonn dawn is-sensji ta' 24 impjegat, izda qaghdet fuq dak li kien qallha Andrew Smith[20].

Ix-xhud sostniet li d-decizjoni taghha kienet ibbazata fuq l-opinjoni ta' Andrew Smith u ghalhekk ma kienx hemm x'taghmel aktar fil-pozizzjoni taghha. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li r-rikorrenti qatt giet ikkonsultata dwar is-sensja taghha. Ix-xhud qalet li l-impjegati milquta kellhom xi laqghat dwar is-sensji taghhom. Ix-xhud sostniet li l-impjegati kienu jafu li hi kienet wahda mir-rapprezentanti taghhom u l-istess impjegati setghu facilment jaghmlu kuntatt maghha u kienet disponibbli ghalihom.

Ix-xhud qalet li Andrew Smith kien ghamel kuntatt ma' diversi kumpanniji tal-ingaggar tal-impjegati u li kienu marru fl-ufficini tas-socjeta` ntimata u zammew laqghat mal-impjegati kollha milquta, fosthom ir-rikorrenti.

Ix-xhud qalet li kien Andrew Smith li kien ghamel kuntatt ma' dawn il-kumpaniji tal-ingaggar tal-impjegati u dan sabiex l-impjegati milquta jsibu impjieg. Ix-xhud ghad-domanda jekk hi kinietx

---

[18] Ibid, pagna 22 tat-traskrizzjoni.
[19] Ibid, pagna 24 tat-traskrizzjoni.
[20] Seduta 16 ta' Jannar 2017, xiehda ta' Ms. Marika Bartolo, pagna 27 tat-traskrizzjoni.

ghamlet xi haga sabiex tnaqqas l-impatt tas-sensji minn fuq l-impjegati milquta, x-xhud wiegbet li ma kienet ghamlet xejn[21].

Fis-seduta tal-10 ta' April 2017 xehdu Michael Ellis u Kristian Cardona, mentri s-sur Andrew G Smith ipprezenta  zewg dokumenti, Dok. 'A1' u Dok. 'A2'. F'din is-seduta beda bix-xiehda tieghu s-sur Michael Ellis, *Chief Technology Officer* tas-socjeta` ntimata, permezz ta' *video conferencing*, fwjn wiegeb ghad-domandi tal-konsulent legali tas-socjeta` ntimata, l-Av. Christian Farrugia u kif ukoll ghad-domandi in kontro ezami tal-konsulent legali tar-rikorrenti, l-Av. Paul Gonzi.

Is-sur Ellis beda x-xiehda tieghu billi qal li ma kienx a konoxxenza jekk ir-rwol il-gdid li kienet inghatat r-rikorrenti kienx matul il-perjodu tal-*leave* tal-maternita` jew meta rritornat ghax-xoghol. Izda ghad-domanda jekk kienx jiftakar jekk dan ir-rwol gdid kienx inghata qabel is-sensji, ix-xhud wiegeb li minn dak li kien jiftakar, li dan ir-rwol kien offrut lir-rikorrenti kienet meta din kienet waslet biex tirritorna ghax-xoghol. Ix-xhud sostna li s-sensji inghataw xi tlieta jew erba' xhur li r-rikorrenti dahlet lura mil-*leave* tal-maternita`[22].

Ix-xhud kompla billi qal li skont hu d-diskussjoni bejn is-socjeta` ntiamta u kumpanija terza dwar l-esternalizazzjoni tas-servizz kien gia ghaddej. Ix-xhud ghad-domanda jekk hu kienx involut fid-diskussjonjiet dwar min mill-haddiema kien se jinzemm u min kien se jigi ssensjat, ix-xhud wiegeb li hu dan kien sar fl-ahhar tal-process, li kien xi xahar qabel inghataw is-sensji.

Ix-xhud sostna li hu kienx ha d-decizjoni li r-rikorrenti kellha tigi ssensjata, izda kien ic-C.E.O., Andrew G. Smith. Ix-xhud qal, li qabel il-*leave* tal-maternita`, r-rikorrenti kellha l-kariga fil-*Customer Care*, u li kienet tmexxi grupp ta' impjegati (*team*) f'dan id-dipartiment.

Ix-xhud wiegeb li hu kien jemmen, u dan peress li hu ma kienx baqa' impjegat tas-socjata` ntimata, li dawn il-grupp ta' haddiema tal-*Customer Care* kienu zammu l-impjieg taghhom  mas-socjeta` ntimata, Winunited Ltd, wara li kienu saru s-sensji.  Ix-xhud irrileva ukoll li hu stess kien inghata s-sensja u sostna li hu kien spicca b'mod amikevoli[23].

Ix-xhud sahaq li hu kien jaf li l-haddiema l-ohra kienu hadu l-hlas dovut lilhom u xi haga ohra ma' dak dovut lilhom.  Ix-xhud sostna li hu kien jaf li kienu xi sittax impjegat milquta mis-sensji izda ma kienx jaf min kienu l-haddiema individwalment. Ix-xhud sostan li kien Andrew Smith li kien jaf id-dettalji kollha ta' min kien gie milqut bis-sensji.

Ix-xhud sostna ukoll li hu kien biss qabel li r-rikorrenti kienet kandidat validu ghall-kariga l-gdida, izda ma kienx involut bl-approcc tal-offerta ghal din il-kariga l-gdida. Ix-xhud wiegeb li hu kien jara lir-rikorrent kandidata tajba ghal din il-kariga peress li r-rikorrenti kellha r-rekwiziti necessarji.

[21] Ibid, pagna 29 tat-traskrizzjoni.
[22] Seduta 10 ta' April 2017, xiehda in kontro ezami ta' Michael Ellis, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[23] Ibid, pagna 6 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud qal li kien hemm diskussjonijiet dwar il-haddiema li kienu se jintlaqtu, izda ma kien jaf xejn dwar ir-rikorrenti. Ix-xhud qal li kien hemm dipartiment bhat-*trade team* u dak tal-I.T.li kienu se jintlaqtu taht it-tmexxija l-gdida mis-sensji.

Ix-xhud sostna li meta kien sar jaf li hu ukoll kien se jigi ssensjat, hu hass li ma kienx hemm ghadu aktar relevanti li hu jibqa' jiehu sehem f'dawn id-diskussjonijiet. Ix-xhud qal ukoll li meta l-impjegati kienu nformati, minn Andrew Smith b'dawn is-sensji, hu ma kienx prezenti peress li kien Londra. Ix-xhud sostna li hu kien jaf li kien hemm zewg rapprezentanti tal-impjegati, li kineu Christian Cardona u l-istess rikorrenti. Ix-xhud sahaq li hu ma kienx jaf min kien appunta r-rapprezenanti tal-impjegati u dan peress li hu qatt ma kien involut f'dan il-process tal-ghazla tar-rapprezenatnti tal-impejgati.

Ix-xhud, Michael Ellis, baqa' jsostni li hu qatt ma kien basar li r-rwol tar-rikorrenti kienet se tigi milqut mis-sensji. In oltre, hu kien gie milqut ukoll b'dawn is-sensji flimkien mall-grupp ta' haddiema tieghu. Ix-xhud sostna li hu kien impenjat jghin lis-socjeta` ntimata fil-migrazzjoni taghha.

Ix-xhud sahaq li hu kienx jaf meta giet immaterjalizzata t-transazzjoni finali. Ix-xhud qal li hu kien gie ssensjat fit-28 ta' Awwissu 2015. Ix-xhud sostna li kien evidenti li l-grupp ta' haddiema tal-I.T. ma kienx se jkun hemm aktar bzonnhom la n-negozjati kienu baqghu ghaddejjin[24].

In ri-ezami, x-xhud Michael Ellis wiegeb li dwar ir-rwol ta' *Special Projects Executive* hu kien tal-opinjoni li kemm ir-rikorrenti u kemm Nicole Said kienu tajbin ghal dan ir-rwol. Ix-xhud sostna li dan ir-rwol kien gie diskuss f' xi laqgha bejn il-*management* u ghalhekk kienu Andrew Smith jew John Faley li kienu ssuggerew dan ir-rwol. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet dejjem impressjonatu fix-xoghol taghha u li kellha passjoni ghal dan ix-xoghol. Ix-xhud sahaq li dan ix-xoghol kien ikun ta' importanza ghad-dipartiment li kien imexxi hu.

Ix-xhud ghad-domanda jekk kienx jaf li Marika Bartolo kienet ir-rapprezentanata tal-impjegati, wiegeb li kien zball tieghu li qal li r-rikorrenti kienet rapprezentanta tal-haddiema. Ix-xhud qal ukoll li r-rwol tar-rikorrenti ma kienx jibqa' necessarju meta kienet se ssir il-migrazzjoni u dan ghax kien se jonqos ix-xoghol tal-progetti.

Ix-xhud sostna li hu kien tal-opinjoni li d-diskussjonjiet kien iqishom bhala xi haga potenzjali, u dan peress li ma kien ghad ma hemm xejn konkret. Dwar jekk ir-rwol gdid tar-rikorrenti ma kienx limitat biss ghad-dipartiment tal-I.T., ix-xhud sostna li ma kienx izda kien ukoll fil-livelli gholja tal-*management*[25].

Dwar Christian Cardona ix-xhud qal li dan kien in-numru tnejn tieghu. Ix-xhud sostna li hu ma kienx jiftakar li r-rikorrenti kienet tilmenta ma' Christian Cardona sabiex jghaddulha x-xoghol u dan meta r-rikorrenti kienet inghatat il-kariga gdida ta' *Special Projects Executive*. Ix-xhud ghad-

[24] Seduta 10 ta' April 2017, xiehda in kontro ezami ta' Michael Ellis, pagna 16 tat-traskrizzjoni.
[25] Ibid, pagna 21 tat-traskrizzjoni.

domanda jekk dak li hemm riportat fl-affidavit tiegħu fejn qal "*in my observation all staff were treated professionally, equally and with respect*," wiegeb li f'din l-osservazzjoni li ghamel dwar il-haddiema (*staff*) kien jinkludi ukoll lir-rikorrenti. Ix-xhud sostna li hu ma kinex jaf fuq liema termini r-rikorrenti kienet giet issensjata (*redundant*)[26].

Ix-xhud sahaq li dak li osserva hu kien li l-impjegati, fosthom ir-rikorrenti, kienu gew trattati tajjeb u dan peress li kienu offruti servizzi ta' konsulenza u kif ukoll ingiebu kumpaniji ta' ngagg fil-bini tas-socjeta` ntimata sabiex jghinuhom isibu mpjieg. Ix-xhud wiegeb ukoll li hu kien inghata kumpens u li kien hemm impjegati ohra li hadu dan il-kumpens.

Fl-istess seduta xehed ukoll Kristian Cardona, li kien jokkupa l-kariga ta' I.T. Manager ma' Winunited Limited u li kien jirrispondi lis-sur Michael Ellis. Dan ix-xhud qal li qabel is-sensji hu kien gie avvicinat minn Andrew Smith li kien saqsih jekk riedtx ikun ir-rapprezentant tal-impjegati. Ix-xhud kompla billi qal li hu kien accetta dan ir-rwol peress li kien ilu mas-socjeta` ntimata u kif ukoll ghax kien imur tajjeb mall-impjegati[27].

Ix-xhud sostna li hu u kif ukoll l-impjegati meta saru jafu bis-sensji kienu nhasdu. Ix-xhud kompla jixhed fejn qal li hu u Marika Bartolo, li kienet ukoll rapprezentanta tal-impjegati, kienu raw kif jissalvagwardjaw xi impjiegi. Ix-xhud semma' li kien mar ufficjal mid-Dipartiment tal-Impjiegi (DIER) sabiex jivverfika li kollox kien qieghed isir skont ir-regoli.

Dwar ir-rikorrenti x-xhud sostna li kienu tkellmu maghha ukoll bhal ma tkellmu mal-impjegati l-ohra. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet imwegga' minhabba din is-sensja u l-laqghat li kellu maghha kienu kemm bhala rapprezentant tal-impjegati u kif ukoll b'mod privat, u dan peress li kienu hbieb.

Ix-xhud sostna li l-ewwel li raw kien jekk kienx hemm xi opportunijatijiet ta' xoghol mal-istess socjeta` ntimata. Ix-xhud sostna li kien hemm kariga li kienet giet salvagwardjata u din kienet ta' persuna ta' nazzjonalita` Torka. Ix-xhud qal ukoll li safejn jaf hu hadd mill-impjegati ma kien qatt ilmenta dwar il-pozizzjoni tieghu ta' rapprezentant tal-impjegati u li lanqas l-istess rikorrenti ma kienet ghamlet dan[28].

Ix-xhud sahaq li bhala rapprezentanti tal-impjegati huma dejjem zammew lill-istess impjegati b'dak li kien qieghed jigri. Dan kien isir billi kienu jiltaqghu mal-istess impjegati specjalment mall-grupp tat-*traders*, dipartiment li kien intlaqghat sew minn dawn is-sensji. Ix-xhud sostna li l-impjieg tieghu ukoll kien gie milqut minn dawn is-sensji.

Ix-xhud qal li qatt ma kienet saret xi pressjoni fuqu la minn Andrew Smith u lanqas minn John Faley sabiex jiehu certu decizjonjiet jew jagixxi b'xi mod li jkun ta' detriment ghall-impjegati. Ix-xhud rega' sostna li l-process kien sar kif suppost u dan meta huma flimkien mall-ufficjal tad-DIER kienu vverifikaw il-lista kollha. Ix-xhud sahaq li bhala management dan mhx biss kien mexa tajjeb

---

[26] Seduta 10 ta' April 2017, xiehda in kontro ezami, Michael Ellis, pagna 24 tat-traskrizzjoni.
[27] Ibid, xiehda ta' Kristian Cardona, pagna 28 tat-traskrizzjoni.
[28] Ibid, pagna 31 tat-traskrizzjoni.

imma kien ukoll ta' ghajnuna billi ghamel dak kollu possibbli sabiex il-haddiema milquta jsibu impjieg iehor[29]. Ix-xhud qal li hu kien ghen lill-impjegati sabiex jaghmlu C.V., kienu jipprattikaw kif isiru l-intervisti (*interviews*), u dan kollu ghall-impjegati milquta kien mod posittiv kif spiccaw minn mas-socjeta` ntimata.

Dwar ir-rikorrenti ix-xhud sostna li din kienet hasbet, skont hu, li s-socjeta` ntimata kienet gia taf bil-bdil li kien se jsir u inghatat din il-pozizzjoni (*Special Projects Executive*). Ix-xhud sahaq li hu kien qal lir-rikorrenti din kienet il-pozizzjoni tas-socjeta` ntimata u li dawn ic-cirkostanzi fin-negozju jinqaghlu l-hin kollu.

Ix-xhud qal li l-kariga li r-rikorrenti kellha qabel, u cioe` dik ta' *Customer Care Agent* qabel ma nghatat il-kariga ta' *Special Projects Executive*, kienet izzommha, u dan peress li ma kinietx intlaqghtet mis-sensji bhal kariga l-gidida[30].

Ix-xhud sostna li ma kienx jaf ezatt minn meta r-rikorrenti kienet bdiet bil-kariga l-gdida, li kien jaf hu li probabbli kienet bdiet xi ftit qabel inghataw is-sensji. Ix-xhud qal ukoll li mieghu, r-rikorrenti, kienet ilmentat li kienet qieghda thossha mdejqa izda ma kienx jaf jekk kinietx resqet dan l-ilment mas-superjurju taghha.

In kontro-ezami x-xhud wiegeb li hu kien gie appuntat bhala rapprezentant tal-impjegati meta kienu gew informati bis-sensji, madwar erbgha u ghaoxrin siegha wara li thabbru dawn is-sensji (*redundancies*). Ix-xhud sostna li kien Andrew Smith li kien informah bil-hatra tieghu bhala rapprezentant tal-impjegati.

Ix-xhud ghad-domanda jekk id-decizjoni kinietx gia ttiehdet dwar is-sensji qabel ma' hu kien gie mahtur bhala rapprezentant tal-impjegati, wiegeb li probabbli hekk kien. Ix-xhud irrisponda fl-affermattiva li meta hu u MarikaBartolo kienu qaghdu bilqieghda sabiex jaraw kif jistghu jsalvaw xi impjegati milli jintlaqtghu mis-sensji, fil-verita` ma kienux qeghdin jippruvaw inaqqsu l-impatt tas-sensji qabel isehhu, izda li jippruvaw jikkonvincu lis-socjeta` ntimata billi tigi nvertita xi sensja ta' wiehed/wahda mill-impjegati fejn kien hemm xi ftuh f'dipartiment iehor[31].

Dwar il-hatra ta' Marika Bartolo bhala rapprezentanta tal-impjegati, x-xhud sostna li din ukoll kienet inhatret fl-istess gurnata li kien inhatar hu. Ix-xhud qal li ma kienx jiftakar jekk kienx hemm xi impjegati li ma kienux kuntenti bil-hatra tieghu ta' Marika Bartolo. Ix-xhud sahaq li kieku kien hemm xi hadd li ma kienx kuntant bihom kien jitkellem. Ix-xhud irrileva li qabel qatt ma kien hemm rapprezentant tal-impjegati u jassumi li kienet Marika Batrtolo li kienet tiehu hsieb lill-kwistjonjiet tal-impjegati, peress li kienet tahdem fid-dipartiment tar-rizorsi umani (H.R.).

Ix-xhud sostna li huma bhala rapprezentanti tal-impjegati kellhom lista ta' affarjiet li riedu jaghmlu bhal jaraw jekk kienx hemm xi ftuh fl-istess socjeta` ntimata, jaraw kif setghu jsalvaw xi impjiegi u kif ukoll jissugerixxu u jaghtu l-opinjoni taghhom x'jista' jsir u jekk ikun hemm ikun il-

---

[29] Ibid, pagna 34 tat-tarskrizzjoni.
[30] Seduta 10 ta' April 2017, xiehda ta' Kristian Cardona, pagna 35 tat-traskrizzjoni.
[31] Ibid, pagna 38 tat-traskrizzjoni.

bzonn jingieb xi hadd. Dawn il-laqghat kienu jsiru fil-*boardroom*, u kienu jkunu prezenti l-istess xhud, Marika Bartolo, Andrew Smith u John Faley bhala *management*.

Ix-xhud semma' li persuna wahda kienet zammet l-impjieg li kienet certa Esin, u li kienet imxiet fid-dipartiment tal-*customer care*. Dwar ir-rikorrenti x-xhud qal li din kienet thoss li din is-sensja kienet ingusta (*unfair*) izda hu kien qallha li dawn is-sitwazzjonjiet jigru fin-negozju. Ix-xhud qal li hu kien "a *warm shoulder*" ghar-rikorrenti u dan peress li kienet intlaqghtet bhalu minn dawn is-sensji[32].

Ix-xhud sostna li hu kien fl-I.T, u kien ra hafna movimenti ghaddejjin u kien haseb li s-socjeta` ntimata keient ghall-bejgh. Ix-xhud sahaq li hu kienx fuq in-naha tas-socjeta` ntimata. Ix-xhud qal li hu kien ikkonvinca ruhu li dawn kien sitwazzjonjiet li jigru fin-negozju. Ix-xhud irrileva li hu qatt ma kien ra l-accounts tas-socjeta` ntimata u hadd kien qallu li s-socjeta` ntimata kienet f'qaghda finanzjarja hazina.

Ix-xhud wiegeb li hu ma kienx parti min dawn id-decizjonjiet li ttiehdu, izda kien biss parti mid-decizjoni li ttiehedet fid-dipartiment tieghu, u cioe` dak tal-I.T. Ix-xhud sostna li s-servizzi tad-dipartiment li kien fih hu kienu inghalqu kollha. Ix-xhud qal li meta hu kien ilmenta mall-*management* u sfida lill-istess *management* f'laqgha ghax ried ikun jaf x'kien ghaddej, kien biss informat li s-socjeta` ntimata ma kinietx ghall-bejgh u li ma kinietx bicca tieghu (*and that it was none of my business*)[33].

Ix-xhud qal li hu stess kien inghata s-sensja ma' dawk l-impjegati li kienu ntlaqghtu mis-sensji. Ix-xhud ghad-domanda jekk certu loghob minn fuq il-website kienx baqa' jsir wara s-sensji, x-xhud wiegeb li kien ghadu jsir izda dani kien gie esternalizzat (*outsourced*) u ma baqax isir mis-socjeta` ntimata. Ghad-domanda jekk dan kienx sar sabiex is-socjeta` Winunited Ltd ikollha aktar dhul finanzjarju u li bl-esternalizazzjoni (*outsourcing*) kien jigi orhos, ix-xhud, Kristian Cardona, qal li ma setax iwiegeb ghax ma kienx jaf jekk kienx sar dan kollu ghalhekk.

Ix-xhud sahaq li hu kien tkellem ghal kulhadd izda kariga wahda setghet timtela. Ix-xhud qal li hu bhar-rikorrenti kien fl-istess ilma u dan ghaliex ma kienx jaf x'kien se jigri. Ix-xhud qal li l-kariga li kienet ingahtat kienet gdida. L-impjegati tad-dipartiment kollha, barra l-*Cutomer Care* u tal-*Marketing*, kienu nghataw is-sensja.

Dwar ix-xoghol tar-rwol il-gdid tar-rikorrenti, x-xhud sostna li dan ukoll kien gie *outsourced* u dan ghax internament ma kienx hemm aktar progetti ghaddejjin, u dan skont il-perspettiva tax-xhud. Ix-xhud qal li minn tlett dipartimenti, tal-*I.T.*, tal-Marketing, u tal-*Customer Care*, kien fadal biss dak tal-*Customer Care*.

Ghar-rigward ta' dak li sar meta kien mar l-ufficjal mid-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonjiet Industrijali (DIER), ix-xhud sostna li huma, u cioe` hu, Marika Bartolo, u Andrew Smith, kienu raw

[32] Seduta 10 ta' April 2017, xiehda in kontro ezami ta' Kristian Cardona, pagna 42 tat-traskrizzjoni.
[33] Ibid, pagna 44 tat-traskrizzjoni.

li ma kien sar xejn hazin u li mhux suppost li jsir f'dawn is-sitwazzjonijiet ta' sensji. Dwar l-ilmenti tar-rikorrenti, ix-xhud qal li ma kien semma' xejn b'mod specifiku mall-ufficjal tad-Dipartiment (DIER), izda kien biss semma' l-ilmenti in generali tal-impjegati.

Ix-xhud kompla billi qal li hu u Marika Bartolo kienu ghamlu l-almu taghhom sabiex jissalvagwardjaw l-impjiegi u xtaqu li dawn ikollhom pozizzjoni alternattiva mall-istess socjeta` ntimata. Ix-xhud sostna li kienu ppruvaw isibu rwol alternattiv ghar-rikorrenti fis-socjeta` ntimata, u dan kien fil-*Customer Care* jew l-istess rwol ta' *Projects Managements*, izda sfortunatament ma kienx hemm karigi disponibbli[34].

Ix-xhud sostna li r-rikorrenti kienet t-tieni l-aktar impjegata li kien ilha mas-socjeta` ntimata, wara certa Worrs Righthard. Ix-xhud qal ukoll li hu kien ha parir minghand avukat sabiex jara li kollox kien qieghed isir kif suppost. Ix-xhud rega' sostna li hu kien tkellem ghal kulhadd u mhux b'mod individwali ghall-impjegati.

Dwar il-kumpanija tar-reklutagg, ix-xhud qal li dawn kienu hadu C.V.s tal-impjegati u kienu ukoll aggornaw dawk li kienu qodma u kienu mpoggija fid-*database* taghhom. Ix-xhud sostna li hu kien ihoss li dawn is-sensji kienu ngusti ghal kulhadd u mhux ghar-rikorrenti biss. Ix-xhud sahaq li hu kienx dahal fil-mertu li fl-ahhar gimghat tal-*leave* tal-maternita` tar-rikorrenti kienet inghatat kariga gdida meta kellu laqghat mal-*management*. Ix-xhud kien jaf b'dan ir-rwol gdid tar-rikorrenti permezz ta' *email* li kienet intbaghet lill-impjegati kollha.

Ix-xhud, in ri-ezami, qal li kien hemm impjegati li kellhom estensjoni ghall-perjodu tan-*notice* originali taghhom. Ix-xhud qal ukoll li hu kellu l-aktar perjodu twil ta' *notice*, bhal ma' kellhom impjegati li kienu mieghu fid-dipartiment tal-*I.T.*, izda dwar impjegati ohra mhux fid-dipartiment tieghu ma kienx jaf jekk kellhomx estensjoni ta' dan il-perjodu ta' *notice*[35].

F'din is-seduta Andrew Smith ipprezenta zewg rendikonti finanzjarji u li gew immarkati bhala Dok. 'A1' u Dok. 'A2' rispettivament.

Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2017 xehdet ir-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, fejn bdiet billi qalet li hi kien ilha mpejgata mas-socjeta` ntimata mis-sena 2009 u kienet bdiet bhala *Customer Care Agent*. Kienet giet impjegata peress li kienu riedu lil xi hadd li kien jaf bl-Ingliz u bl-Ispnajol. Ix-xhud qalet ukoll li fis-sena 2010 kienet gie promossa ghall-kariga ta' *Senior Customer Agent* u dan wara li s-socjeta` ntimata kienet ghaddiet ghand investituri godda, u sussegwentement fis-sena 2011 ghal *Head of Customer Care*. Ix-xhud sostniet li kienet ingahtat dawn il-promozzjonjiet peress li kienu emmnu fil-kapacitajiet taghha.

Ix-xhud sahqet li f'dak il-perjodu n-negozju kien beda jikber u minn tlett haddiema fis-sezzjoni taghha, dawn telghu ghal ghaxra, u maz-zmien zdiedu ghal hmistax. Ix-xhud qalet li peress li x-

[34] Ibid, pagna 51 tat-traskrizzjoni.
[35] Seduta 10 ta' April 2017, xiehda in ri-ezami ta' Kristian Cardona, pagna 56 tat-traskrizzjoni.

xoghol kien baqa' jizdied hi kienet involuta ukoll fl-ingagg ta' haddiema u kienet involuta fil-process tat-tahrig taghhom.

Ir-rikorrenti sostniet li kien hemm tibdil fil-kuntratt ta' impjieg taghha fejn kien sar addendum li rrifletta z-zieda fis-salarju, u l-pozizzjoni taghha. Ix-xhud irrilevat li kienet ukoll inghatat sehem ta' wiehed fil-mija (1%) tas-socjeta` ntimata u dan kif kienu inghataw xi whud mill-impjegati ohra, peress li d-dirigenti riedu li hi tibqa' mas-socejta` ntimata. Ix-xhud sostniet li kienu hames impjegati li kienu inghataw sehem ta' wiehed fil-mija[36].

Ix-xhud semmiet kif fis-sena 2015 kienet irciviet ittra fejn kienet informata sabiex tattendi ghal-laqgha u li f'din il-laqgha saret taf li kienet giet issensjata (*redundant*). Dan kien ftit wara li kienet ingahtat rwol gdid ta' *Special Projects Manager*. Ix-xhud sostniet li kienet giet mgharrfa li peress li kienet se ssir bidla fis-socjeta` ntimata dan ir-rwol ma kienx aktar mehtieg.

Ix-xhud spjegat b'mod kronologiku kif sehhew dawn l-eventi, u dan billi qalet li fis-sena 2011 giet appuntata *Head of Customer Care* u li dejjem kellha rispons tajjeb ghal xogholha. Ix-xhud semmiet li kienet informat lill-impjegati li kienu maghha li kienet tqila b'tewmin u li minn hemm inbidel kollox. Is-sitwazzjoni bdiet tinbidel ftit ftit minn meta harget tqila. Ix-xhud qalet li bdiet tinnota li u xoghol taghha mal-pozizzjoni l-gdida ma baqax bhas-soltu. Ix-xhud bdiet tinnota li kien beda jigri xi haga minn mindu harget tqila.

Ix-xhud sostniet li ghalkemm it-tqila taghha kienet meqjusa li kien hemm riskju gholi, hi dejjem irraportat ghax-xoghol u baqghat ghaddejja normali bid-dmirijiet taghha. Ix-xhud qalet li meta kellha madwar seba' xhur tqala kienet informata li kellha tibda tahdem bil-lejl ukoll (*night shifts*) u kif ukoll fil-*weekends*. Ix-xhud spejgat li hi kienet uriet iddisapprovazzjoni taghha li tahdem bil-lejl u dan minhabba l-istat li kienet fih. Ix-xhud qalet li meta d-dirigienti tas-socjeta` ntimata semghu hekk hi giet mhedda min-naha tas-socjta` ntimata sabiex ma tiehux azzjoni legali ghax kienet tispicca f'post aghar milli kienet. Ix-xhud sostniet li dan id-diskora kien qalu il-Head of Marketing, John Faley[37].

Ix-xhud qalet li minn meta kienet informat lill-management dwar it-tqala taghha, u dan kien fi Frar tas-sena 2015, hi bdiet tigi mminata mill-management, u dan kontra li stenniet hi. Il-hames snin li kien ilha mas-socjeta` ntimata kien sfaxxaw fix-xejn, ix-xhud qalet, testwalment, "*it went down the drain*"[38].

Ix-xhud qalet li kellha tiehu jumejn *sick leave* peress li kienet hassitha ma tiflhax, izda hassitha hazin li ma kinietx dahlet xoghol, u kienet tablet skuza talli ma kienitx marret xoghol, izda dan kien minhabba t-tqala taghha. Ix-xhud sahqet li hi qatt ma sabet skuzi bit-tqala biex ma tmurx xoghol, izda ghall-kuntrarju kienet baqghat tagixxi bhala professjonista u li kienet impenjata lejn is-socjeta` ntimata.

---

[36] Seduta 12 ta' Dicembru 2017, xiehda tar-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[37] Seduta 12 ta' Dicembru 2017, xiehda tar-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, pagna 9 tat-traskrizzjoni.
[38] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud qalet li kull darba li kienet tmur ghall-visti ghand il-ginekologu minhabba t-tqala, l-*management* kien dejjem jitlob prova ta' dawn il-visti.  L-aktar li kien jinsisti kien Andrew Smith sabiex tipprezenta dawn il-provi u kif ukoll ix-xhud sostniet li kienet tipprezenta l-ircevuti tal-hlasijiet ta' dawn il-visti.  Ix-xhud qalet ukoll li l-appuntamenti kienet taghmilhom lejn l-ahhar tal-gurnata u dan sabiex ma titlifx xoghol.

Dwar ir-relazzjoni li r-rikorrenti kellha mall-haddiema li kienu fis-sezzjoni taghha din baqghet tajba, kienet ir-relazzjoni mall-*management* li kienet marret hazin. Ix-xhud qalet li meta hi kienet se tohrog bil-*leave* tal-maternita`, hi kienet appuntat persuna sabiex tmexxi minflokha sakemm iddum barra bil-leave tal-maternita`.  Ix-xhud sostniet li kemm John Faley u kif ukoll Andrew Smith kienu bdew jimminawha quddiem din il-persuna. Ix-xhud qalet li John Faley, peress li kien il-persuna li kien aktar involut maghha, kien ikun aktar ostili maghha.

Ix-xhud spjegat li hi xtaqet li tibqa' tmur darba fil-gimgha sabiex tibqa' b'kuntatt u tkun taf xi jkun qieghed isir izda l-*management* kien irrifjuta li hi tmur fl-ufficcini taghhom u dan bl-iskuza, skont ix-xhud, li l-polza tal-assigurazzjoni ma kinietx tkopriha. Ix-xhud qalet ukoll li fil-gurnata li harget bil-*leave* tal-maternita` kien ittihdielha t-telefon cellulari, li kien tas-socjeta` ntimata u nghata lill-persuna li kienet se tmexxi minflok ir-rikorrenti, u cioe` Nicole Said.

Ix-xhud spjegat li kienet cemplet lil John Faley sabiex hi tithallas il-*performance bonus*, u ghall-ewwel kien xi ftit agressiv u kif ukoll xejn pulit maghha, ghax, skont John Faley, kien hi hsiebha biss fil-flus. Ir-rikorrenti qalet li dan kien dritt taghha peress li kien hadmet sa Settembru u ghalhekk kienet intitolata ghal disa' xhur *performance bonus*. Ix-xhud sostniet li John Faley kien accetta li tithallas dan il-*bonus*, u thallset fix-xahar ta' Dicembru[39].

Ir-rikorrenti sostniet li gimgha qabel dahlet ix-xoghol mil-*leave* tal-maternita`, li kien fl-ahhar gimgha ta' Frar, irciviet telefonata minghand John Faley fejn kien informaha li kiellu proposta ghal xoghol gdid ghaliha.  Ix-xhud qalet li qatt ma kienet talbet sabiex ikun hemm bidla fir-rwol taghha. Ix-xhud spjegat li hi tablet sabiex jiltaqghu wicc imb wicc.

Ix-xhud marret il-gurnata ta' wara tiltaqa' ma' John Faley fl-ufficcju tieghu u dan ma kien professjonali xejn fejn informaha li kien se jkun hemm bidla fir-rwol taghha. Ir-rikorrenti qalet li Faley qallha li din kienet opportunita` eccitanti ghaliha u li b'dan ir-rwol hi kienet se tespandi ghal *Project Management*.

Ir-rikorrenti qalet li b'dan ir-rwol hi kienet se tkun aktar flessibbli ghal dak li kien hin, bl-istess salarju u ma kienx ser ikollha nies maghha. Dan il-mod kif kien gie mpingi lilha dan ir-rwol, li kienet se tavvanza fil-karriera taghha u fl-istess waqt tkun tista` tiehu hsieb lill-uliedha. Ir-rikorrenti accettat dakinhar stess tal-laqgha ma' John Faley u x-xhud tablet id-deskrizzjoni ta' xogholha u li Faley kien se jkun ta' ghajnuna ghaliha f'dan ir-rwol gdid.

[39] Ibid,pagna 17 tat-tarskrizzjoni.

Meta r-rikorrenti rritornat ghax-xoghol hi xtaqet li tinforma lill-haddiema taghha hi, izda dawn kienu gia nformati minn John Faley permezz ta' *email* u li kien informa lil dawn il-haddiema li Nicole Said kienet il-persuna li kienet se tibda tmexxi d-dipartiment tal-*Customer Care* minflok ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti sostniet li dan ghalija kien sinjal hazin peress li ma kienitx giet rispettata wara li kien ilha hames snin tmexxi dan id-dipartiment tal-*Customer Care*. Ix-xhud spejgat li meta bdiet f'dan ir-rwol gdid qatt ma inghatat l-ebda deskrizzjoni ta' xogholha, kien sar addendum ghall-kuntratt taghha tal-impjieg, izda ma kellha l-ebda hjiel x'kien xogholha[40].

Ix-xhud sahqet li kienet tibghat *emails* lil John Faley sabiex tghidlu x'kienet qieghda taghmel kull gimgha u dan peress li hu ma kien qieghed jaghtiha xejn x'taghmel. Dan ghamlitu biex ikun hemm prova li hi kienet qieghda taghmel xi xoghol. Ix-xhud sostniet li hi ma kinietx it-tip li toqghod bil-qieghda ma taghmel xejn, kienet tmur fuq il-haddiema u kienet isaqsihom jekk seghtetx tghinhom fix-xoghol taghhom.

Ir-rikorrenti semmiet li rciviet ittra fejn kellha ssir laqgha bejn kulhadd u kienu nformati li s-socjeta` ntimata kienet se tghaddi minn bidla. Minhabba din il-bidla kien se jkun hemm xi dipartimenti li kienu se jintlaqghtu mis-sensji, izda d-dipartiment tal-*Marketing*, id-dipartiment li kienet fih ir-rikorrenti, ma kienx se jintlaghqat.

Ir-rikorrenti qalet li John Faley kien cemplillha u kien informaha li xogholha ma kienx aktar mehtieg, u dan minghajr ma kien ta ebda spjegazzjoni, izda kemm qallha li ma kien hemm ebda progetti aktar minhabba din il-fuzjoni (*merger*) mall-kumpanija ohra.

ix-xhud sostniet li kienu wiehed u ghoxrin impjegat li kienu intlaqghtu u d-dipartiment li kienu ntalqghtu kienu *Trading, Payments, u I.T*. ix-xhud qalet li hi kienet giet inkluza ma' dawk ir-rwoli. Ix-xhud sahqet li dawk ir-rwoli li kienu ntlaqghtu mis-sensji kienu ghadhom mehtiega.

Ix-xhud, ghad-domanda li fid-dipartiment li kienet hi, u cioe` dak tal-*Marketing*, kienx sigur, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. Ix-xhud sostniet li r-rwol ta' *Project Manager* hu parti mid-dipartiment tal-*marketing*, izda John Faley kien qallha li r-rwol kien "*a floating role*", u li hi qatt ma kienet konxja minn dan. Minhabba li dan ir-rwol kien "*floating*" u ma kienx parti minn ebda dipartiment kien intlaqghat mis-sensji[41].

Ix-xhud, spjegat li ppruvat tkellem lil John Faley izda dan ma kienx ikun irid jiddiskuti xejn. Ix-xhud qalet ukoll li qabel is-sensji kienu saru laqghat mar-rapprezentanti tal-impjegati u li dawn kienu gew appuntati mis-socjeta` ntimata. Ir-rikorrenti sahqet li la hi u lanqas l-impjegati l-ohra qatt ma kienu involuti fl-ghazla tar-rapprezentanti taghhom.

Ix-xhud semmiet li kien hemm persuna li kien fid-dipartiment tat-*Trading*, liema dipartiment kollu kien intlaqghat mis-sensji u dan l-impjegat kien offrut rwol fid-dipartiment tal-*Marketing*. Dan kien ftit granet qabel inghataw is-sensji r-rikorrenti u l-impjegati l-ohra. Ix-xhud sostniet li hi qatt

[40] Seduta 12 ta' Dicembru 2017, xiehda tar-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, pagna 22 tat-traskrizzjoni.
[4141] Ibid, pagna 26 tat-traskrizzjoni.

ma giet offruta dan ir-rwol. Ir-rikorrenti qalet li kienu qalulha li hi ma kinietx tajba ghal dan ir-rwol peress li ma kellhiex esperjenza fih, u dan meta kienet offruta r-rwol ta' Projects Manager, liema rwol ukoll qatt ma kienet fih. Ix-xhud sostniet li hi kienet tahseb li kienet taqbad f'dan ir-rwol ukoll li ma kienx gie offrut lilha. Ix-xhud sahqet li kienu ghamluhielha cara li ma tibqax maghhom[42].

Ix-xhud sostniet li l-indirizz eletroniku taghha kien taht id-dipartiment tal-*Marketing*. Ir-rikorrenti kellha dokumenti li jikkonfermaw dan u kif ukoll kellha posta eletroniku fejn kienet informat lil xi hbieb taghha li kienet qieghda thossha mhedda, u li riedet tkellem avukat peress li kien hemm xi hadd li kien riedha tahdem l-iljieli (*night shifts*).

Ir-rikorrenti kompliet bix-xiehda taghha fis-seduti tas-27 ta' Marzu 2018 u tas-17 ta' Lulju 2018. Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2018, r-rikorrent ipprezentat sett dokumenti li gew immarkati bhala Dok. 'MBA 1' sa Dok. 'MBA 18' u kif ukoll xehed is-sieheb tar-rikorrenti, Andrew Bonello.

Ir-rikorrenti spjegat fiex kienu jikkonsistu dawn id-dokumenti esebiti minn meta nghatat sehem ta 1%, *appraisal report*, kuntratt ta' impjieg taghha, *pay slips* tal-pagi taghha, posta eletronika bl-iskeda ta-*shifts*, posta eletronika lill-impjegati fil-*Customer Care*, diskursata fuq *messenger* ma' habiba tar-rikorrenti dwar il-problemi li kienet ghaddejja minnhom fuq il-post tax-xoghol, posta eletronika ma' John Faliey dwar il-*leave* tal-maternita`, posta eletronika lill-impejgati fejn qeghdin jigu nformati minn John Faley li r-rikorrenti ghandha r-rwol ta' *Special Projects Executive*, posta eletronika dwar is-sensja u meta kienet se tahdem l-ahahr gurnata, posta eletronika mir-rikorrenti lil John Faley fejn tilmenta ghal mod kif wara ftit li nghatat rwol gdid issa giet issensjata, isimha fil-posta elettronika tad-dipartiment tal-*Marketing*.

Ir-rikorrenti ghalqet ix-xiehda taghha billi qalet li kienet sabet impjieg iehor ma' kumpanija li kienet toffri servizzi lill-kumpaniji tal-loghob.

Andrew Bonello, s-sieheb tar-rikorrenti sostna li kien ilu jaf lir-rikorrenti tlettax-il sena u spjega kif kien ta' spalla ghall-karriera tar-rikorrenti. Ix-xhud qal li kien ra lir-rikorrenti tibda mas-socjeta` ntimata tibda mill-qiegh u tilhaq f'pozizzjonjiet gholja mas-socjeta` ntimata.

## Trattazzjoni Finali

Iz-zewg kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol ipprezentaw zewg noti ta' sottomissjonjiet, in-nota tas-Socejta` ntimata giet ipprezentata fit-28 ta' Settembru 2018, mentri dik tar-rikorrenti giet ipprezentata fl-14 ta' Novembru 2018.

Fin-nota taghha s-socjeta` Winunited Limited issottomettiet li din is-sensja saret b'mod gust u skont ic-cirkostanzi li kienet ghaddejja minhom l-istess Socjeta` ntimata. Fin-nota hemm riportat li r-rikorrenti kienet giet impjegata bha Special Project Executive fi zmien it-terminazzjoni taghha, u li din il-kariga hi kienet accettat mill-ewwel.

[42] Seduta 12 ta' Dicembru 2017, xiehda tar-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, pagna 29 tat-traskrizzjoni.

Fl-istess nota ssir refernza ghall-awtur dwar il-materja in kwistjoni, Norman Selwyn, fejn jissemmew ir-ragunijiet meta impjegat jigi tterminat mill-impjieg tieghu/taghha. In oltre, ssir referenza ghall-provi mressqa fejn gie sottomess li kienu c-cirkostanzi li s-socjeta` ntimata ma kelliex kontroll fuqhom li l-impjieg tar-rikorrenti kien gie tterminat u dan peress li kien sar il-ftehim ta' servizzi fl-24 ta' Marzu 2014 ma' GVC Holdings p.l.c.

Fin-nota taghha s-socjeta` ntimata sostni li dak allegat mir-rikorrenti, u cioe` li hi kienet giet iddiskriminata minhabba l-generu taghha jew l-istat taghha, ossia ghax kienet tqila, mhux biss hu nfondat fil-fatt u fid-dritt izda jxaqleb lejn kumment libelluz u ghandu jigi rtirat[43].

Is-socjeta` ntimata taghmel referenza ghal gurisprudenza nostrana fejn ticcita zewg decizjonjiet, wahda moghtija mill-Qorti tal-Appell, 15 ta' Frar 2006, fl-ismijiet, Tonio Calleja vs Vitafoam Limited, u *award* moghtija mit-Tribunal Industrijali fl-14 ta' Gunju 1999, fl-ismijiet, Imperia Avellino vs Eden Foundation, li jikkoncernaw sensja genwina (*genuine redundancy*). Is-socjeta` ntimata tishaq, fin-nota taghha, li t-Tribunal u l-Qorti kienu approvaw dawn id-decizjonjiet fejn kienu iddikjaraw li min ihaddem (employer) kien irnexxielu jipprova l-piz tal-prova li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet ibbazata fuq htiega organizzattiva li wasslet ghas-sensji. Is-socjeta` ntimata kienet ghaddejja minn perjodu ta' process ta' ristrutturar radikali u dan kollu hareg mill-provi mressqa, u li kienu taw definizzjoni gdida lill-attivitajiet u lill-funzjonjiet taghha.

Is-socjeta` ntimata, fin-nota taghha tishaq li dan kollu, sfortunatament, gab is-sensji ta' 24 impjegat, fosthom tar-rikorrenti u mhux it-terminazzjoni tar-rikorrenti biss. In oltre, hadd mill-impjegati l-ohra ma kien istittwixxa proceduri biex jikkontestaw is-sensja taghhom. Minkejja kollox ir-rikorrenti qieghda ssostni li hi giet itterminata minhabba l-fatt li kien ghadu kif kellha tarbija u kif ukoll li kienet mara, liema allegazzjonjiet huma ghal kollox infondati u invertieri.

Dwar il-mod kif r-rikorrenti accetatt il-kariga ta' *Special Projects Execuitve*, s-socjeta` ntimata tissottometti li din il-kariga f'dak il-mument kienet bzonnjuza ghan-negozju taghha, liema kariga kienet offruta lir-rikorrenti li accettat b'mod volontarju.

In oltre, l-istess socjeta` ntimata kienet iddiskutiet mall- ufficjali tad-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (DIER) dan kollu u dan ir-ristruttar kien gie accettat mill-istess dipartiment. In oltre, s-socjeta` ntimata tissottometti li kienet ghenet lir-rikorrenti fir-rwol gdid taghha ta' omm u minflok ir-rikorrenti qieghda takkuzaha li kienet ghaddejja manuvra biex tizgwida lill-istess rikorrenti biex taccetta r-rwol il-gdid. Dan kollu ma giex ippruvat mir-rikorrenti u dawn l-affermazzjonjiet huma purament kongentturi ssostni s-socjeta` ntimata fin-nota taghha[44].

Is-socjeta` ntimata tissottometti li dan kollu kien biss kaz genwin ta' ristrutturar li gab is-sensja ta' 24 impjegat u wahda minn dawn l-impjegati kienet ir-rikorrenti. In oltre, terga' ssir referenza ghall-fatt li 23 minn 24 impjegat kienu accettaw is-sensja, izda r-rikorrenti kienet minghajr ebda

[43] Nota ta' sottomissjonjiet Winunited Limited, pagna 2.
[44] Nota ta' sottomissjonjiet Winunited Limited, pagna 3.

prova ta' xejn hlief teorija tal-komplott (*conspiracy theory*), ibbazat din it-terminazzjoni taghha fuq diskriminazzjoni tal-generu, tqala u ragunijiet sigrieta, u li huma ghal kollox infondati[45].

Is-socjeta` ntimata taghlaq in-nota ta' sottomissjonjiet taghha billi tissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Ir-rikorrenti fin-nota taghha tissottometti li t-terminazzjoni taghha kienet imsejsa fuq tkeccija ngusta minhabba minhabba li l-kondizzjonjiet ghall-tkeccija ngusta ma kienux sodisfatti, kien hemm ksur tal-obbligazzjijiet tas-socjeta` ntimata taht Regolamenti Dwar Ħarsien Tal-Impiegi Fit-Trasferiment ta' Negozju (L.S. 452.85), ksur tar-Regolamenti Dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien ta' L-Impiegi) (L.S. 452.80), u c-circostanzi *sui generis* li wasslu ghat-terminazzjoini tar-rikorrenti bhala trattament diskriminatorju u ingust kontra l-istess rikorrenti.

Illi bhala oneru tal-prova r-rikorrenti ssottomettiet li din tingombi fuq is-socejta` ntimata li t-terminazzjoni taghha keinet genwina u mhux tkeccija ngusta. Sensja genwina hija wahda li tissodisfa l-kondizzjonjiet ghall-terminazzjoni valida u dan skont il-gusrisprudenza fuq il-materja tas-sensji u kif ukoll li ma tkun diskriminatorja.
Ir-rikorrenti tishaq li s-socjeta` ntimata naqset milli tipprovdi provi necessarji ta' sensja genwina u dan peress li l-kondizzjonjiet ghal sensja genwina ma kienux sodisfatti. In oltre, ssostni r-rikorrenti fin-nota taghha, t-terminazzjoni taghha kienet diskriminatorja. Huwa kollu inutli li min ihaddem (employer) joqghod jirrepeti li s-sensji kienu necessarji minhabba li hekk kien mehtieg ghan-negozju. Ir-rikorrenti tissottometti li li trid issir valutazzjoni tax-xenarju ta' dawn is-sensji u mhux xi haga superficjali.

Fin-nota taghha r-rikorrenti tishaq li sensja trid tkun ibbazata fuq konsiderazzjoni materjali tac-circostanzi li jwasslu ghat-terminazzjoni. In oltre, jridu jittiehdu in konsiderazzjoni d-diversi ligijiet li huma intizi li jissalvagwardjaw lill-impjegati, fosthom, il-ligijiet kontra diskriminazzjoni, dawk tat-t-trasferiment ta' negozji, u dawk il-ligijiet dwar sensji kollettivi u sensji in generali.

Fin-nota taghha r-rikorrenti kompliet billi sottomettiet li trid timxi b'kawtela meta ssir referenza ghal-ligi Ingliza u ghal dak ikkowotat mis-socjeta` ntimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha specjalment b'referenza ghall-awtur, Norman Selwyn u li ghalkemm dan l-awtur huwa stmat f'dan il-qasam tal-ligi tal-impiegi u fl-Ingilterra huma referenza kontinwa bhala gwida, ma jistax jigi njorat il-fatt li hija l-ligi Maltija li tipprevali. Il-pozizzjoni tal-ligi Maltija ma hijiex dejjem bhal dik Ingliza[46].

Fin-nota taghha r-rikorrenti ssostni li wiehed ghandi jaghmel referenza ghad-diversi decizjonjiet tat-Tribuna u decizjonjiet tal-Qorti tal-Appell Malti u li dejjem emfazizaw li sensja genwina hi wahda li tigri meta min ihaddem jipprova ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li li dik il-kariga tal-impjegat kienet saret superfluwa ghan-negozju u ghalhekk kienet qieghda tigi abolita. Izda meta l-kariga tal-impjegat/a ma tkunx abolita ghaliex tkun ghadha mehtiega ghaliex min ihaddem ikollu bzonn il-doveri li jibqghu provduti f'xi forma jew ohra, hemmhekk ma jkunx hemm sensja genwina.

[45] Ibid, pagna 4.
[46] Nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti pagna, 2.

Ir-rikorrenti ticcita decizjonjiet kemm tat-Tribunal Industrijali u kemm tal-Qorti tal-Appell dwar din il-materja ta' sensja (*redundancy*), fosthom Lara Boffa vs Michael Toledo Limited, John Steward Wyliee vs Maitland Malta Limited u dik tal-Qorti tal-Appell Remi Armeni vs Francis Busttil & Sons (Marketing Limited)[47].

Fin-nota taghha r-rikorrenti taghmel referenza ghall-fatt li s-socjeta` ntimata naqset milli tressaq provi li r-rwol tar-rikorrenti kien sar superflwuu jew abolit. Is-socjeta` ntimata fin-nota tghha tghid li dawn is-sensji kienu "*beyond control*" meta ma resqet ebda prova dwar dan.

Fis-sottomissjonjiet taghha r-rikorrenti ssostni li s-socjeta ntimta tikkontradixxi ruhha meta tghid li s-sensji saru ghaliex ghazlet li testernalizza (*to outsource*) is-servizzi taghha li qabel kienu jsiru internament mill-istess impjegati taghha u dan kien ikkonfermat fl-Affidavit ta' Andrew G. Smith, u cioe` l- Ufficjal Kap Ezekuttiv tal-istess socjeta` ntimata. In oltre, diversi xhieda kkonfermaw li funzjonjijet li qabel kienu jsiru mis-socejta` ntimata kienu offruti lil terzi. Decizjoni li testernalizza attivatijiet interni ma jffissirx li kien hemm cirkostanzi li s-socjeta` ntimata ma kellhiex kontroll fuqhom, sostniet ir-rikorrenti fin-nota taghha.

In oltre, f'kaz ta' esternalizazzjoni (*outsourcing*) tas-servizzi lil terzi u li kienu jsiru internament minn min ihaddem, ossia l-principal, l-artikolu 38 tal-Kap 452 jrid jittiehed in konsiderazzjoni mad-dispozizzjonijiet ta' L.S. 452.85 partikolarment fil-bidla fil-forniment ta' servizzi. Artikolu 38 tal-Kap 452, ma jiggustifikax terminazzjoni ta' impieg ghall-impjegati kemm b'sensja jew mod iehor.

Mill-banda l-ohra ir-Regolamenti jipprotegu l-impieg tal-impjegati li huma involuti fis-servizz li jkun qieghed jigi outsourced u tali impieg ghandu jkun salvagwardjat bl-istess kondizzjonjiet li l-impjegati kellhom. In oltre, fl-istess nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti ssir rereferenza ghall-fatt li artikolu 38 (6) tal-Kap 452 fejn jistipula li persuna li tonqos li thares id- dispozizzjoni ta' dan l-artikolu jew xi regolamenti maghmula tahtu jkun hati ta' reat kontra dan l-Att. L-istess hemm stipulat regolament 9 tal-L.S. 452.85 li jistipula multa ta' mhux inqas minn €1164.69c jekk persuna tinstab hatja jekk tikser dawn ir-regolamenti[48].

Ir-rikorrenti, fin-nota taghha, tishaq li s-socjeta` ntimata ma resqet l-ebda prova li remotament tikkonforma ma' artikolu 38 tal-Kap 452 jew mal-L.S. 452.85. Is-socjeta` ntimata naqset ukoll li tiggustifika, anke b'mod superficjali, il-ghaliex l-impjegati taghha ma gewx trasferiti ma-terz fornitur tas-servizzi izda minflok gew issensjati. Fl-istess nota ssir referenza ghar-regolament numru 5 ta' L.S 452.85 fejn hemm stipulat li trasferiment ma ghandux fih innifsu jikkostitwixxi raguni bizzejjed ghal-terminazzjoni tal-impjegati minn min jitrasferixxi jew minn minn jircievi it-trasferiment.

Illi fl-istess nota ta' sottomissjonjiet r-rikorrenti taghmel referenza ghall-fatt li ebda prova ma tressqet jekk is-sensja saritx minhabba dak li jipprovdi l-proviso tar-regolament 5 tal-L.S. 452.85, u cioe` li tkecija tkun saret minhabba ragunijiet ekonomici, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-għadd ta' nies li jaħdmu.

[47] Ibid.
[48] Nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, pagna 4.

In oltre, ssir referenza ukoll li din is-sensja, u dan kif gie ammess mill-istess socjeta` ntimata, saret fil-parametri ta' sensja kollettiva (*collecticve redundancy*), ossia dak li tipprovdi l-L.S. 452.80 u dan b'referenza ghall-klawsola numru 2 tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, fejn sensja kollettiva ssir ghal ragunijeit ta ghadd zejjed ta' mpjegati fuq perjodu ta' tletin gurnata. Ir-rikorrenti ssostni li jekk din kienet sensja kollettiva u dan apparti l-kondizzjonjiet ta' sensja genwina, fejn jgi applikat il-principju ta' "last in first out", iridu jigu ukoll imharsa regoli ohra mill-principal u dan skont artikolu 37 ta' Kap 452 flimkien ma' L.S. 452.80[49].

Ir-rikorrenti taghmel diversi referenzi ghal-artikoli ta' Kap 452 u regolamenti ta' Legislazzjonjiet Sussidjarji specjalment ghal dak li jikkoncerna r-rapprezentanti tal-impjegati u li *prima facie*, s-socjeta` ntimata tat l-impressjoni li ghamlet kollox kif suppost. Ir-rikorrenti tissottometti li dan ried isir b'mod konkret u bi sforz reali li jipprotegi l-impieg tal-impjegati u mhux sempliciment li timla l-kaxxi (*ticking the boxes*). Ir-rikorrenti tissottometti li f'dan il-kuntest dawn il-konsiderazzjonijet kollha jindikaw li l-process uzat mis-socjeta` ntimata ghat-terminazzjoni tal-impieg kien wiehed ingust.

L-istess rikorrenti taghmel referenza ghal mod kif saret l-ghazla tar-rapprezentanti tal-impjegati li b'mod arbitrarju s-socjeta` ntimata ghazlet zewg rapprezentanti sabiex iservu ta' rapprezentanti tal-impjegati. Artikolu 2 ta' Kap 452 jaghti definizzjoni cara ta' tal-kelma rapprezentant tal-impjegati u in oltre x' jistipula l-proviso f'kaz li ma jkunx hemm union rikonoxxuta jew l-impjegati ma jkunux imsehbin f' union, fejn ir-rapprezentant ikun elett b' vot sigriet mill-istess impjegati, liema vot ikun imsejjah mill-principal. L-istess rapprezentanti kienu kkonfermaw waqt ix-xiehda taghhom li huma kienu appuntati mill-Ufficjal Kap Ezekuttiv (CEO) issottomettiet r-rikorrenti.

Fin-nota taghha r-rikorrenti ssostni li s-socjeta` ntimata kienet gia ddecidiet fuq in-numru tal-impjegati li kienu se jigu tterminati u dan qabel ma kien saret 'l hekk imsejha konsultazzjoni mar-rapprezentanti tal-impjegati. Id-decizjoni li certi servizzi kellhom isiru minn terzi kienet gia ttiehdet u dan minghajr ma ttiehdet in konsiderazzjoni l-L.S. 452.85. Fl-ittra datata 13 ta' Lulju 2015 mibghuta lill-impjegati kien gia gie deciz li erbgha u ghoxrin impjegat kienu se jigu ssensjati u dan minhabba ristrutturar tan-negozju.

In oltre, fl-istess nota ta' sottomissjonijiet ssir referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti tal-Unjoni Ewropea (CJEU) fejn giet iccitata d-decizjoni tal-10 ta' Settembru 2009, C-44/08 Akavan Erityisalojen Keskusliito AEK ry et v Fujitsu Siemens Computers Oy, li giet ritenut li l-kliem ta' artikoli 2 (1) u 3 (1) tad-Direttiva 98/59 ghandu jigi nterpretat li l-obbligazzjoni tal-konsultazzjoni fuq min ihaddem ghandha tigi fis-sehh qabel id-decizjoni ta' min ihaddem li jittermina l-kuntratti ta' impiegi. F'dan il-kaz ikun ghad hemm possibbilita` li tevita, jew tal-inqas, tnaqqas is-sensji kollettivi, jew li timmitiga l-konsegwenzi taghhom.

Fl-istess nota ssir referenza ghad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 98/59, fejn f'artikolu 2 nsibu li l-principal ghandu obbligu li jibda konsultazzjoni mar-rapprezentanti tal-haddiema fi zmien ragonevoli, u dan jekk ikun qieghed jikontempla sensji kollettivi. Fl-artikoli 3 u 4 tal-istess Direttiva hemm referenzi ghal sensji kollettivi li huma gia progettati u li jikkonfermaw l-ezistenza tal-intenzjoni li huwa l-fattur li jiskatta l-obbligazzjoni ta' konsultazzjoni li hemm stipulat f'din id-

---

[49] Ibid, pagna 5.

Direttiva partikolarment f'artikolu 2. Dan kollu jirrizulta mill-kaz, 284/83 Dansk Metalarbejderforbund u Specialarbejdforbundet I Denmark (1985) ECR 553 u li hemm referenza ghalih fin-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti.

Kaz iehor, li r-rikorrenti taghmel referenza ghalih fin-nota taghha, huwa l-Kaz C-1883 Irmtraud Junk v Wolfgang Kuhnel tas-s27 ta' Jannar 2005 fejn il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet li principal jew min ihaddem hu ntitolat li biex iwettaq sensji kollettivi dawn isiru wara li jkunu gew konkluzi l-proceduri ta' konsultazzjoni kif hemm stipulat f'artikolu 2 tad-Direttiva 98/59.

Ir-rikorrenti ukoll, fin-nota taghha, taghmel referenza ghall-awtur fuq il-materja in kwistjoni, Norman Selwyn fejn tikkwota bran minn dan l-awtur dwar is-sensja jekk kinietx ingusta minhabba nuqqas ta' konsultazzjoni u kif Tribunal tal-Impjiegi ghandu jivvaluta jekk kienx ikun hemm tkeccija gusta kieku kien hemm konsultazzjoni xierqa, u a bazi ta' hekk jibbaza l-kumpens tieghu[50].

Li kieku s-socjeta` ntimata ghamlet konsultazzjoni genwina kienet tieqaf mill-hsieb tat-trasferiment tan-negozju u ndubbjament kienet tirrikonoxxi li s-sensja tar-rikorrenti kienet u kellha tigi evitata. Mill-banda l-ohra r-rikorrenti mhux ha taccetta l-argumenta tas-socjeta` ntimata li ghaliex gie notifikat id-Diaprtiment (DIER) u hi ma kinietx ilmentat f'dak il-perjodu dan kien iffisser li kienet giet segwita l-procedura dwar Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (452.80). In oltre, ssir referenza ghax-xiehda tal-ufficjal tad-Dipartiment (DIER) fejn ikkonferma bil-gurament li dak li jkun sab id-Dipartiment (DIER) ikun suggett ghal dak li jkun gie zvelat lilhom mill-kumpanija. In oltre, dan l-ufficjal kien ikkonferma bil-gurament li ma kellu l-ebda informazzjoni dwar ic-cirkostanzi tar-rikorrenti. Dan kien ghal kuntrarju ta' dak li hemm riportat fl-Affidavit tar-rapprezentanti tas-socjeta` ntimata, u li kieku kien hemm xi nformazzjoni dwar ir-rikorrenti dan kien jinzel fil-minuti.

In-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti tkompli billi taghmel referenza ghac-cirkostanzi partikolari li kienu unici, fejn ir-rikorrenti kienet f'perjodu vulnerabbli hafna u dan wara li kien ghadha kif weldet tewmin. Din it-tkeccija taghha kienet ghar-ragunijiet u c-cirkostanzi relatati mas-sitwazzjoni taghha u li jammontaw ghall-tkeccija ngusta u diskriminatorja. Is-socjeta` ntimata wara li hadet vantagg minn din is-sitwazzjoni sabiex tattiraha li taccetta bidla ghall-ahjar matul il-*leave* tal-maternita`. Ir-rikorrenti giet attiratha mis-socjeta` ntimata li taccetta dan ir-rwol tant bzonnjuz u eccezzjonali, u dan dejjem skont l-istess socjeta` ntimata, u li wara erba' xhur dan ir-rwol gie ddkjarat zejjed (*redundant*).

Ir-rikorrenti ssostni, fin-nota taghha, li ghalkemm is-socjeta` ntimata b'mod superficjali iddikjarat dan ir-rwol mhux mehtieg minhabba *service provison change*, mill-banda l-ohra naqset li taghti spjegazzjoni ghaliex dan ir-rwol kien gie abolit. Is-socjeta` ntimata ma provdiet l-ebda prova dwar dan kollu, kemm qalet li kien hemm il-bzonn ta' ristrutturar.

Ir-rikorrenti fin-nota taghha tissottometti li t-tkeccija taghha kienet premeditata minn qabel u dan meta hi kienet ghadha bil-*leave* tal-maternita` fejn kienet giet temporanjament sostitwita mill-kollega taghha, Nicole Said. Ir-rikorrenti kienet attiratha fir-rwol il-gdid u wara erba' xhur sfat

---

[50] Nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 9.

issensjatha u ma kienx possibbli li tirritorna fir-rwol ta' qabel peress li kien ittiehed minn Nicole Said.

In oltre, fl-istess nota r-rikorrenti tispjega b'mod kronologiku s-sekwenza tal-eventi kfi graw, ossia minn meta bdiet l-impieg taghha fis-sena 2009 sa ma nghatat is-sensja permezz tal-ittra datata, 17 ta' Lulju 2015. Ir-rikorrenti ssostni li dak kollu li gara lilha kien *messa in scena* shiha mis-socjeta` ntimata, u dan peress li n-negozjati mall-kumpanija terza sabiex sezzjoni kbira tal-operat. Ir-rikorrenti tishaq li hi kienet protetta bir-regola tal-*Last-in First-Out* u s-socjeta` ntimata riedet li ttelfilha dik il-protezzjoni u dan billi inghatat ir-rwol il-gdid.

Ir-rikorrenti tissottometti li propju ghalhekk li ghamlet dawk ix-xhur minghajr ma jkollha xejn x'taghmel u dan meta hi kienet inghatat l-impressjoni li dan ir-rwol kien eccitanti izda fil-verita` ma kellu sustanza ta' xejn. Kienet ir-rikorrenti stess li kienet titlob lill-kollegi taghha sabiex jaghtuha x-xoghol x'taghmel u dan minhabba li qat ma kienet inghatat il-lista ta' x'kienu d-doveri taghha. Ir-rikorrenti tara bhala spjegazzjoni valida ta' dan kollu l-fatt li s-socjeta` ntimata ghazlet li tittermina l-impjieg taghha b' mod strategiku, dizonest, u diskriminatorju peress li kienet tqila u kellha tewmin, in oltre s-socjeta` ntimata ghazlet li tissostittwiha.

Fin-nota tagha r-rikorrenti tidhol ukoll fit-trattament diskriminatorju u ticcita artikolu 2 tal-Kap 452 li jiddefinixxi x'inhu trattament diskriminatorju. In oltre, jigi ccitat ukoll artikolu 26 (1) (b) tal-istess Kap li jistipula l-istanti ta' trattament diskriminatorju. Ir-rikorrenti ssostni li l-oneru tal-prova kien jingombi fuq is-socjeta` ntimata li ma kien hemm l-ebda trattament diskriminatorju versu r-rikorrenti. Is-socjeta` ntimata naqset li ggib prova oggettiva li hija gustifikata f'socjeta` demokratika. L-istess rikorrenti taghmel referenza ghat-tifsira tat-terminu tkeccija ngusta li tinsab f'artikolu 2 tal-Kap 452 u li r-rikorrenti ssostni li t-tkeccija taghha kienet ingusta u dan ghaliex kienet diskriminatorja.

Ir-rikorrenti, fin-nota taghha, taghmel referenza ukoll ghall-gurisprudenza nostrana u ticcita zewg decizjonjiet, wahda moghtija mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Tonio Calleja vs Vitafoam Ltd (15/02/2006) u decizjoni tat-Tribunal Industrijali, fl-ismijiet, Imperia Avellino vs Eden Foundation (*Award* Nru: 1043, 14/06/1999). F'dan iz-zewg decizjonijiet, li jittrattaw tkeccija gusta, u ghall-kuntarju ghal dak li ntqal f'dawn iz-zewg decizjonjiet, ghall-kaz in dezamina jikkonfermaw li tkeccija tar-rikorrenti kienet ngusta minhabba influwenza ta' natura personali u diskriminatorja[51].

In-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti tosserva li fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-socjeta` ntimata hemm referenza skarsa ghal zviluppi kummercjali negattivi li waslet ghad-decizjoni tas-sensji, izda ma ngabet l-ebda prova ta' dan l-izvilupp kummercjali negattiv fil-mori tal-kawza. Mill-banda l-ohra meta gie pprezentat r-Rapport Annwali (Dok A1) u l-Financial Statements ghas-sena 2014, u li kienu approvati mid-diretturi tas-socjeta` ntimata fl-14 ta' Settembru 2015, u ghall-kuntraju ta' dak li xehed ic-CEO bil-gurmamen, gie ritenut li l-kumpanija, ossia s-socjeta` ntimata, kienet se tirregistra cifri ta' bejgh ahjar, margini ta' profit gross, u inqas spiza fl-amministrazzjoni. Is-socjeta` ntimata qatt ma prezentat prova li kien hemm bzonn is-sensji, mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata rregistrat qliegh fis-sena 2016.

---

[51] Nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti, pagna 14.

Ir-rikorrenti taghlaq in-nota billi terga' taghmel referenza ghall-awtur Norman Selwyn u dan id-darba dwar kumpens ekwu li Tribunal ghandu jaghti li min ikun sofra tkeccija ngusta, u dan anke jekk dik il-persuna tkun sabet impieg mill-ewwel. In oltre, ssir referenza ghall-ishma li r-rikorrenti kellha fis-socjeta` ntimata u dan skont l-ittra ffirmata mill-Ufficjal Kap Esekuttiv fejn ir-rikorrenti kienet intitolata ghal disa' u tletin elf sitt mija u tmien (39,608) sehem fil-kumpanija Venture United Holding Limited ghal tlett snin, mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Gunju 2015, u dan meta r-rikorrenti kienet gie ssensjata fis-17 ta' Lulju 2015. Bhala minimu r-rikorrenti ssostni li kellha valur ta' Ewro (€1) ghal kull sehem[52].

In oltre, r-rikorrenti permezz ta' tabella telenka l-modalita` tal-kumpens li t-Tribunal ghandu jimxi fuqu u dan skont decizjonjiet ricenti dwar is-sensju fosthom, Neville John Steward Wyllie vs Maitland Malta Limited, Decizjoni numru 2525 tas-16 ta' April 2018.

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi din il-kwistjoni titratta sensja ngusta li r-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija sofriet effett ta' ristrutturar magguri tal-operat (*major operational restructuring*) fis-socjeta` ntimata, Winunited Limited. Ir-rikorrenti qieghda tikkontesta din it-tkeccija/sensja bl-aktar mod vociferu u dan peress li s-socjeta` ntimata naqset li tosserva dawk il-kondizzjonjiet li l-ligijiet tal-pajjiz jiddisponu f'dan ir-rigward. In oltre, l-istess socjeta` ntimata kellha tottempera ruhha mad-dispozizzjonjiet tal-artikolu 37 tal-Kap 452, tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.80 Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Harsien tal-Impiegi).

Illi dan it-Tribunal se jidhol *funditus* fil-process tal-mod kif saret din is-sensja/tkeccija (*redundancy*) ta' Marga Benetiez-Alahija u dan sabiex jigi stabillit jekk din it-terminazzjoni kinietx jew saritx b'mod gust jew le. In oltre, hemm aspett iehor li dan it-Tribunal li jrid jiddetrmina, u dan huwa t-trattament diskriminatorju li s-socjeta` ntimata allegatament wettqet fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi kronologikament ir-rikorrenti bdiet l-impieg taghha mas-socjeta` ntimata f'Awwissu 2009 bhala *Customer Care Agent*, sussegwentement f'Awwissu 2010 giet promossa ghal *Senior Customer Care Agent* u fis-sena 2011 giet promossa ghal *Head of Customer Care*. Illi r-rikorrenti fis-sena 2015, precizament fis-27 ta' Frar giet promossa ghall-kariga ta' *Special Projects Executive*[53].

Irrizulta ukoll, mill-provi mressqa, li fis-17 ta' Lulju 2015 ir-rikorrenti rciviet ittra fejn kienet informata li l-impieg taghha kenet qieghed jigi tterminat, u dan minhabba ristrutturar magguri tal-operat (*major operational restructuring*). In oltre, ftit granet qabel ir-rikorrenti irciviet l-imsemmija ittra, u cioe` fit-13 ta' Lulju 2015, bil-fomm kienet giet informata li l-pozizzjoni taghha ma kienetx qieghda tahdem (*was not working out*).

---

[52] Ibid, pagna, 16.
[53] Vide Dok. 'MB2'.

Illi dan it-Tribunal jinnota li s-socjeta` ntimata meta ddecidiet li twettaq dawn is-sensji kienet gia lahqet ftehim ta' servizzi fl-24 ta' Marzu 2014 mall-kumpanija terza, ossia, GVC Holdings p.l.c. Dan kollu jfisser li s-socjeta` ntimata, Winunited Limited, kien gia kellha kollox deciz, u cioe` li tissensja lil numru ta' haddiema, fosthom ir-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija.

*Multo magis*, it-terminazzjoni tar-rikorrenti saret minhabba l-fatt li l-istess rikorrenti giet imnehhija mill-pozizzjoni originali taghha, ossia, *Head of Customer Care* meta kienet bil-*leave* tal-maternita`, u ftit qabel rritornat minn dan il-*leave* tal-maternita` giet offruta l-pozizzjoni ta' *Special Projects Executive*.

It-Tribunal jinnota li din it-tip ta' strategija adottata mis-socjeta` ntimata hija ghal kollox inaccettabbli specjalment fid-dawl tal-fatt li hemm diversi Ligijiet u Regolamenti lokali u kif ukoll Direttivi tal-Unjoni Ewropea li, bl-aktar car u inekwivoku, jistipulaw linji gwida u cari kif principal jew min ihaddem ghandu jimxi f'sitwazzjonjiet bhal dawn.

Illi kap 452, permezz ta' artikolu 37 jistipula l-istanti kif principal ghandu ghandu jagixxi f'kaz ta' sensja kollettiva (collective redundancy). Artikolu 37 tal-Kap 452 jistipula s-segwneti:-

> 37(1) Prinċipal ma għandux itemm l-impieg ta' xi impjegat għar-raġuni ta' *redundancy* kollettiva qabel ma jkun innotifika bil-miktub lir-rappreżentanti tal-impjegati magħrufin minnu dwar il-ħsieb li għandu li jtemm l-impieg u jkun ta lir-rappreżentati msemmija opportunità biex jikkonsultaw mal-prinċipal.

Illi kif irrizulta kjarament mill-provi specjalment mix-xiehda tar-rapprezentanti tal-impjegati u li kienu maghzula mill-istess CEO tas-socjeta` ntimata u kif ukoll minn dik tal-ufficjal tad-Dipartiment (DIER), dawn ilkoll ikkonfermaw li hadd mill-ufficjali tas-socjeta` ntimata ma kien tahom informazzjoni dwar ir-rikorrenti.

Mill-provi jirrizulta b'mod car li l-Ufficjal Kap Ezekuttiv, Andrew Guy Smith kien innomina zewg persuni u li kienu impjegati mall-istess socjeta` ntimata, s-sur Kristian Cardona u s-sinjorina Marika Bartolo, u li dan il-fatt ma giex innegat mill-istess Andrew Smith waqt li kien qieghed iwiegeb in kontro ezami.

In oltre, iz-zewg rappresentanti tal-impjegati stess fix-xiehda taghhom ikkonfermaw li qatt ma kienet saret xi tip ta' ghazla, jew elezzjoni minn fost l-impjegati sabiex jigu eletti r-rapprezentanti taghhom[54]. It-tnejn ikkonfermaw li kienu appuntanti minn Andrew G. Smith u dan billi ntbaghtet email lill-impjegati

[54] Vide xiehda ta' Marika Bartolo 16 ta' Jannar 2017.

Illi f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet fejn ikun hemm sensji kollettivi kemm il-ligi nostrana u kif ukoll ir-regolamenti, fosthom il-Legislazzjoni Sussidjarja 452.80, huma cari bizzejjed u jaghtu inidkazzjoni cara x'inhuma l-kriterji li principal jew min ihaddem irid josserva.

Illi artikolu 2 tal-Kap 452, ossia l-proviso tieghu, jistipula bl-aktar mod car l-istanti dwar ir-rapprezentanti tal-impjegati meta l-istess impjegati ma jkunux imsehbin ma' *union*. Ir-rapprezentanti jridu jkunu eletti minn fost dawk l-impjegati u dan permezz ta' vot sigriet. Artikolu 2 jistipula s-segwenti:

> "rappreżentant tal-impjegati" għall-finijiet tal-artikoli 35, 36(14), 37 u 38, tfisser ir-rappreżentant tal-*union* rikonoxxuta:
>
> Iżda fejn ma hemmx *union* rikonoxxuta, il-kliem għandhom ifissru dak ir-rappreżentant tal-*union* li tagħha limpjegati jkunu membri, b'dan li f 'każ ta' impjegati li ma jkunux imseħbin f'*union*, il-kliem ikun ifisser dak ir-rappreżentant elett kif imiss minn fost l-impjegati mhux imseħbin f'*union*, permezz ta' vot sigriet imsejjaħ għal dan l-għan mill-prinċipal;

Illi kif irrizulta mill-provi minn dan kollu ma gara xejn, izda bil-kontra ta' dak li jistipula dan l-artikolu, s-socjeta` ntimata, b'mod arbitraju ghall-ahhar, innominat zewg rapprezentanti skont kif iddecieda Andrew G. Smith.

L-awtur Norman Selwyn fuq din il-materja ta' konsultazzjoni qabel isiru s-sensji jghid dan li gej:-

> **E.C. Directive on Collective Redundancies**
>
> 18.69 Article 2 of the EC Directive on Collective Redundancies 975/129/EEC) lays down the principle that when an employer is contemplating collective redudndancies, he shall consult with employee representatives[55].

Illi ghalkemm is-socjea` ntimata tat l-impressjoni li ghamlet xi tip ta' konsultazzjonijiet mar-rapprezenanti tal-impjegati, dawn il-konsultazzjonjiet saru meta kien gie kollox deciz dwar it-trasferiment ta' parti mill-operat tas-socjeta` ntimata lill-kumpnaija terza.

L-istess awtur jkompli billi jghid minn huma r-rapprezentanti xierqa tal-impjegati:-

> The appropriate rappresenatives are:
>
> (b) either employee representatives who have been appointed or elected by the effected employees for some other purpose, who have authority to receive information or be consulted about the proposed dismissals, or employee representatives who have been elected by the effected employees for consultation purposes, in an election which satisfies the requirements set out in s 188A[56].

---

[55] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – paragrafu 18.69, p. 492.
[56] Ibid, paragrafu 18.72, p. 494.

Minn dan il-bran ta' dan l-awtur, u li hu meqjus bhala awtorita` f'dan il-qasam tal-ligi industrijali u tal-impjiegi, wiehed jinnota li applikat ghal din il-kwistjoni ta' xoghol li r-rappresentanti qatt ma kienu appuntati (*appointed*) jew eletti (*elected*) mill-impjegati affetwati. Ghalhekk ir-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija li kienet wahda minn dawn l-impjegati, u *multo magis* it-terminazzjoni taghha, u dan minn kif irrizulta mill-provi f'din il-kwistjoni ta' xoghol, kienet frott ta' stragemma fina mahsuba mis-socjeta` ntimata sabiex r-rikorrenti tkun itterminata mal-haddiema l-ohra li gew itterminati.

It-Tribunal jaghmel referenza ghan-nota tar-rikorrenti fejn giet iccitata decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali, datata 16 ta' April 2018, fl-ismijjiet, Neville John Steward Wyllie vs Maitland Malta Limited[57]. Illi f'din id-decizjoni ssir referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell dwar kif iggwida ruhu dak it-Tribunal sabiex wasal ghat-tifsira ta' redundancy.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata, 31 ta' Mejju 2012, fl-ismijiet Rachel Bugeja vs PSG limited bhala operator tal-lukanda Metropole Hotel, fejn f'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidhol sew fit-tifsira ta' *redundancy* u jaghmel referenza ghal diversi decizjonjiet ohra li jirrigwardjaw din ic-cirkostanza ta' sensja (*redundancy*). Din id-decizjoni taghmel referenza ghas-senetenzi Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited (A.I.C. RCP – 28 ta' Gunju 2011) u Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et (A.I.C. 23 ta' Mejju 2008) u li f'dawn is-sentenzi hemm affermati l-linji gwida kif stabbiliti mill-Qrati Inglizi. Dawn il-linji gwida huma s-segwenti:-

> *a) Was the employee dismissed;*
> *b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)*
> c) *If so, was the dismissal caused wholly or mainly by the state of affairs*[58].

Illi dawn il-kweziti ttiehdu mid-decizjoni tal-Qorti Ingliza, *Safeway Stores plc. Vs Burrell* (1997) u li l-imsemmija sentenza jaghmel referenza ghaliha l-awtur Norman Selwyn fejn jghid li:-

> 18.19 In considering the definition of redundancy, earlier cases appear to have cocerntrated on the work which the employee actually did (the function test) and the work which the employee was obliged to do under his contract (the contract test); but in Safeway Stores plc vs Burrell it was stated that both approaches were wrong, and that it is the statutory definition which must be considered. The true test requires employment tribunals to consider whether there was a diminution or cessation in the employer's requirements for employees to carry out work of a particular kind, and not to focus on the work of the individual employee[59].

It-Tribunal fil-kaz in dezamina jinnota li s-socjeta` ntimata wara li kienet offriet il-kariga ta' *Special Projects Executive* u dan meta l-istess rikorrenti kienet ghadha kif ghaddiet mit-twelid ta' tewmin

---

[57] Decizjoni numru 2525 – Chairman James Henry Pearsall, Fil-Kwistjoni ta'xoghol bejn, Neville John Steward Wyllie vs Maitland Malta Limited, 16 ta' April 2018.
[58] Qorti tal-Appell – Onor Imhallef Raymond C. Pace, Appell Civili 14/2011, fl-ismijiet, Rachel Bugeja vs PSG Limited bhala operatur tal-lukanda Metropole Hotel, 31 ta' Mejju 2012.
[59] Selwyn's Law of Employment $19^{th}$ Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – paragrafu 18.19, p. 480.

u kien ghadha bil-*leave* tal-maternita`. Din il-kariga ta' *Special Projects Executive* ma kienet xejn hlief kariga finta u dan sabiex is-socjeta` ntimata tkun tista', b'wiccha minn quddiem, targumenta li r-rikorrenti kienet ghadha gdida f'din il-kariga u ghalhekk setghet tapplika minghajr xkiel il-principju ta' *First in, last out*.

Illi mill-assjem tal-provi migbura f'din il-kwistjoni ta' xoghol jirrizulta li, la l-ufficjal tad-Dipartiment (DIER) u lanqas l-istess hekk imsejha rapprezentanti tal-impjegati, ma kkonfermaw jekk ir-rikorrenti kinietx ikkonsultatha dwar is-sensja taghha. L-ufficjal tad-DIER ikkonferma bil-gurament li hu kien qaghad biss fuq dak li kien qallu Andrew G. Smith, ossia C.E.O. tas-socjeta` ntimata.

It-Tribunal jiehu nota mid-domandi u mit-twegibiet tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2017, fejn xehed l-ufficjal tad-Dipartiment (DIER), Mario Galea, specjalment in kontro ezami tar-rapprezentant legali tar-rikorrenti. Qieghda tigi riprodotta parti mid-domandi u mir-risposti li saru fl-imsemmija seduta:-

> Avv. Paul Gonzi: had something been brought to your attention being which is not the norm, am I correct to assume it would have been minuted in gthe minutes you have presented to the Tribunal?
>
> Mr. Mario Galea: yes of course, during the meeting your (sic) saying?
>
> Avv. Paul Gonzi: during the meeting
>
> Mr. Mario Galea: yes
>
> Avv. Paul Gonzi: you would have minuted something which is out of the norm?
>
> Mr. Mario Galea: exactly
>
> Avv. Paul Gonzi: and if I were to suggest for example that a very recent change in her role, does it resulting, in the role she was made redundant from, would that have given cause of concern to you? To note that she has just been recently given a new role?
>
> Mr. Mario Galea: okay, so you are saying she is administration
>
> Avv. Paul Gonzi: and just weeks or months I do not remember exactly she had a different role, totally different role, and to add to that she was for a period attending to her child, maternity leave, etc
>
> Mr. Mario Galea: we would have
>
> Avv Paul Gonzi: do you take particular attention of these issues?
>
> Mr. Mario Galea: of that was brought up we would have you know
>
> Avv. Paul Gonzi: investigated
>
> Mr. Mario Galea: investigated further
>
> Avv. Paul Gonzi: in more detail and you do not recall this has been raised?

Mr. Mario Galea: no not that there was a change of employment[60]

It-Tribunal minn din il-parti tax-xiehda in kontro-ezami tal-ufficjal tad-Dipartiment ikompli jikkonferma kemm is-socjeta` ntimata kellha kollox preparat minn qabel sabiex tittermina l-impieg tar-rikorrenti u dan billi adoperat strategija fina hafna. Din l-istrategija fina kienet tikkonsisiti f'bidla fil-kariga tar-rikorrenti u sussegwentment tigi mpoggija fil-lista tal-impjegati li kienu se jigu ssensjati.

In oltre, s-socjeta` ntimata sabiex tidher li qieghda timxi skont ir-regolamenti informat lid-Dipartiment (DIER) dwar is-sensji li kienu se jinghataw u inkludiet lir-rikorrenti ma' din il-lista ta' mpjegati li kienu gew itterminati.

Ir-rikorrenti talbet ukoll li t-terminazzjoni taghha kienet tikkonsisti fi trattament diskriminatorju u llegali fil-konfront taghha u dan bi ksur tad-dispozizzjonjiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minn dak li jistipula artikolu 2 tal-Kap 452, u cioe s-segwenti:-

> "trattamenti diskriminatorju" tfisser kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi *trade union*, jew f 'assoċjazzjoni ta' prinċipali;

Illi min dak li rrizulta mill-provi johrog ukoll kjarament li s-socjeta` ntimata ma resqet l-ebda prova li dak li ghamlet kien gustifikabbli f'socjeta` demokratika.

Ghal darba ohra dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-fatt li fil-perjodu li r-rikorrenti kienet barra, ossia bil-*leave* tal-maternita`, saritilha l-offerta sabiex tinghata kariga gdida ta' *Special Projects Executive* u li kienet attirata lejn din il-kariga peress li kien se jkollha aktar responsabbilita` u fi kliem John Faley stess precizament fl-ittra elettronika tieghu ikkumenta hekk: "*Marga Benitez shall be taking on the new and exicting challenge of Special Projects Executive*….[61]" In oltre, fl-istess ittra elettronika Nicole Said inghatat ir-rwol li kellha r-rikorrenti u cioe` dak ta' *Customer Service Manager*, liema rwol kien kopert mill-istess Nicole Said fil-perjodu li r-rikorrenti kienet bil-*leave* tal-maternita`.

Dan kollu jkompli jikkonferma kemm is-socjeta` ntimata kellha intenzjonjiet differenti fil-konfront tar-rikorrenti u totalment differenti mill-*messa in scena* li saret sabiex tinghata l-impressjoni li mxiet b'mod gust mar-rikorrenti. Di piu, kienet ippreparat kollox u dan kif sehh erba' xhur wara li r-rikorrenti inghatat din il-kariga, u cioe` meta din il-kariga ma baqghetx aktar bzonnjuza ghax fi kliem Andrew G. Smith "*was not working out*".

Illi dan kollu jikkonferma li saret diskriminazzjoni mar-rikorrenti u dan kif jistipula artikolu 26 (1) (b) li jiddisponi dan li gej:-

> (1) Ħadd ma jista' -
> (*b*) rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija.

---

[60] Seduta 16 ta' Jannar 2017, xiehda moghtija in kontro-ezami minn Mario Galea, pagni, 12 u 13 tat-tarskrizzjoni.
[61] Dok 'C' – ittra elettronika ta' John Faley datata 27 ta' Frar 2015.

Il-mod kif imxiet is-socjeta` ntimata mar-rikorrenti sabiex waslet ghat-terminazzjoni taghha ma jhalli ebda ekwivoku u t-Tribunal jinsab konvint li din l-istrategija da parti tas-socjeta` ntimata kienet mahsuba sabiex b'din il-manuvra ta' kariga gdida lir-rikorrenti tkun tista' facilment tittermina l-impieg taghha a bazi ta' *redundancy* billi tapplika l-principju ta' *Last in, first out*.

Illi dan it-Tribunal sostna kemm-il darba li dawn it-tip ta' manuvri u stragemmi huma inaccettabbli u t-Tribunal hu moralment konvint li l-agir tas-socjeta` ntimata kien jikkonsisti fi trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. In fatti fix-xiehda tieghu Kristian Cardona kkonferma li hu kien gie avvicinat minn Andrew G. Smith sabiex joqghod rapprezentant tal-impjegati u kif ukoll ikkonferma li r-rikorrenti kienet izzomm l-impieg taghha li kieku ma nghatatx il-kariga ta' *Special Projects Executive* u baqghet fil-kariga ta' *Head of customer Care*[62]. L-impjegati li kienu f'din is-sezzjoni, u cioe` tal-*Customer Care* ma kienux intlaqghtu mis-sensji. In oltre, kienet gie appuntata Nicole Said fil-kariga ta' *Head of Customer Care* minflok ir-rikorrenti.

Minn dak li xehed Kristian Cardona dan it-Tribunal ikompli jikkonferma kemm it-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet ilha mahsuba u li r-rwol il-gdid taghha fil-verita` ma kien ifisser xejn u dan peress li kemm l-imsemmi xhud, Kristian Cardona u kemm l-istess rikorreti, Marga Benitez-Alahija, fix-xiehda taghhom sostnew li ma ma kienx hemm x'taghmel f'din il-kariga u li l-istess rikorrenti kienet spiccat isaqsi lill-impjegati sabiex jaghtuha xi haga x'taghmel. Illi sussegwentement meta s-socjeta` ntimata kienet waslet ghal ftehim mall-kumpanija terza, permezz tal-Ufficjal Kap Esekuttiv (CEO) taghha, Andrew G. Smith, informa lill-impjegati permezz ta' *email* li kienu se jigu ssensjati tlieta u ghoxrin (23) impjegat u kif ukoll ir-rikorrenti peress li kien ghadha kif inghatat il-kariga l-gdida.

In, oltre fix-xiehda taghha r-rikorrenti qalet kemm Andrew G. Smith kien ikun ostili maghha specjalment meta dan kien riedha li tahdem fil-ghaxija u dan meta kienet ghadha tqila. Ir-rikorrenti ma kinietx accettat li tahdem bil-lejl minhabba l-pozizzjoni li kienet fiha f'dak iz-zmien. In oltre, mid-dokumenti li l-istess rikorrenti pprezentant jirrizulta li s-socjeta` ntimata, tramite Andrew G. Smith, ma ridietx tghid lir-rikorrenti r-raguni tat-terminazzjoni taghha minhabba *confidential reason*[63].

Dan id-dokument ukoll ikompli jitfa' dawl car kemm is-socjeta` ntimata trattat b'mod diskriminatorju lir-rikorrenti. Il-fatt li Andrew G. Smith beda jkun ostili mar-rikorrenti meta din kien ikollha bzonn tmur ghal-visti tat-tqala u kif ukoll jghid li t-terminazzjoni taghha kienet ghar-raguni kunfidenzjali, jindika kemm is-socjeta` ntimata ma kinietx kuntenta bis-sitwazzjoni li r-rikorrenti kienet se tkun fiha u dan minhabba t-twelid tat-tewmin.

Dwar id-diskriminazzjoni f'dawn it-tip ta' cirkostanzi, l-awtur Norman Selwyn jghid is-segwenti:-

> 4.133 There are a number of other protective legislative provisions that apply to pregnant women or women who have given birth. These include time off work for antenatal care, risk assessments, suspension on maternity grounds, facilities for breastfeeding, maternity leave, maternity the right to return to work and **written reason for dismissal**[64].

---

[62] Vide xiehda ta' Kristian Cardona tal-10 ta' April 2017.

[63] Dok MBA 15 – Korrispondenza elettronika bejn John Faley u r-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija.

[64] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) u emfasi tat-Tribunal – paragrafu 4.133, p. 143.

Illi meta jsir paragun minn dak hawn fuq citat mal-kwistjoni odjerna wiehed jinnota li f'din il-kwistjoni s-socjeta` ntimata qaghdet tinheba wara *confidential reason* il-ghaliex ir-rikorrenti giet itterminata mill-impieg, meta fil-verita` johrog car mill-azzjoni stess li s-socjeta` ntimata ghamlet meta r-rikorrenti inghatat il-kariga gdida ta' *Special Projects Execuitve*, liema kariga giet milquta mis-sensji erba' xhur wara li r-rikorrenti kienet fiha. In oltre, fil-pozizzjoni ta' *Head of Customer Care* tpoggiet persuna ohra, ossia Nicole Said u li din is-sezzjoni (*Customer Care*) qatt ma giet kolpita mis-sensji.

L-sitess awtur Selwyn jsostni li:-

> 4.134 A person discriminates against a woman if because of the protected charecterstic of pregnanacy or maternity he treats her less favourably than he would treat others. More favourable special treatment is, of course, permitted…..[65]

Illi meta dan l-insenjament ta' dan l-awtur jigi applikat ghall-kwsitjoni odjerna, dan kollu jindika kemm l-agir tas-socjeta` ntimata kien intiz sabiex ir-rikorrenti tigi tterminata mill-impieg taghha u dan billi nholqot din il-kariga gdida, u li fil-verita` kienet kariga finta. Il-mod kif is-socjeta` ntimata aggixxiet mar-rikorrenti, u cioe` b'manuvri mirquma u mahsuba minn qabel dwar il-bdil fil-kariga taghha u li sussegwentment din il-kariga giet kolpita mis-sensji, jikkostittwixxi trattament diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Mill-provi akkwiziti f'din il-kwsitjoni ta' xoghol, it-Tribunal iqis li din it-terminazzjoni tar-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, bhala ngusta u diskriminatorja.

Ghalhekk dan it-Tribunal se jghaddi sabiex jikkomputa l-kumpens dovut lir-rikorrenti Marga Benitez-Alahija.

## Kumpens

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ght-tabella li hemm fin-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti fejn fl-imsemmija tabella hemm elenkat x'kumpens ghandha tiehu r-rikorrenti u dan a bazi tal-modalita ` ta kif inhadmet mir-rikorrenti. It-Tribunal ghalkemm jaqbel fil-principju dwar certi punti ta' din it-tabella, mill-banda l-ohra aspetti dwar l-ammont ta' kumpens li ma jhossx il-htiega li ghandu jkun daqs dak li hemm riportat f'din it-tabella.

Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna ukoll indikaw il-mod x'ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li Tribunal ghandu jikkonsidra sabiex ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[66].

---

[65] Ibid, paragrafu 4.134, p 143.

[66] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-

In oltre, l-awtur Norman Selwyn ukoll fl-insenjamenti tieghu jelenka diversi fatturi li Tribunal ghandu jikkonsidra bhal l-eta` tal-impjegat/a, iz-zmien li l-impjegat/a dam jew damet bla impjieg, kemm l-istess impjegat/a insistiet sabiex issib impjieg iehor, jekk fl-impieg il-gdid l-impjegat/a kellux jew kelliex salarju aktar jew anqas mill-impieg precedenti, u jekk sofrietx spejjez addizzjonali minhabba dan l-impieg. Dan l-awtur dwar il-kumpens jsostni:-

> "The entitlement to a basic award is automatic once a dismissal is held to be unfair, and cannot be reduced on the ground that there has been no financial loss to the claimant (*Cadbury Ltd v Doddington*). It is payable even if no compensation award is made (*British United Shoe Machinary Co Ltd v Clarke*). It cannot be reduced on the ground that the claimant has failed to mitigate against his loss, because there is no provision to this effect (*Lock v Connell Estate Agents*). And it cannot be reduced when an *ex gratia* payment or a severance payment is made, unless it is made clear that the payment is in respect of all compensation an employee is entitled to should the employee subsequently bring a claim in an employment tribunal (*Chelsea Football Club and Athletic Co Ltd v Heath*)….[67]"

Fil-kwistjoni odjerna jirrizulta li r-rikorrenti kienet sabet impieg ftit wara li giet itterminata mill-impieg taghha, u dan kif irrizulta mill-provi f'din il-kwistjoni ta' xoghol. In oltre, r-rikorrenti ghandha ukoll sehem ta' wiehed fil-mija (1%) mis-socjeta` Venture United Holding Limited u cioe` ishma ta' disgha u tletin elf sitt mija u tmienja (39,608), u dan skont Dok. 'MBA1'. Illi in oltre, t-Tribunal ukoll se jiehu in konsiderezzjoni l-agir xejn dinjituz li s-socejta` ntimata mxiet bih versu r-rikorrenti, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti kienet ghadha kif rritornat sabiex tkompli bl-impieg taghha wara t-twelid ta' uliedha tewmin, u li dan ukoll ser jincidi fuq il-kumpens li se tinghata r-rikorrenti.  Di piu, l-metodu li s-socjeta` ntimata uzat sabiex ir-rikorrenti tinghata pozizzjoni li fi zmien qasir giet *redundant*, u dan meta tnehhiet mill-pozizzjoni li kellha, liema pozizzjoni ma kinietx milquta mis-sensji, ukoll se jkollu effett fuq il-kumpens li se tinghata. Dan kollu hu meqjus minn dan it-Tribunal bhala trattament diskriminatorju u dan peress li r-rikorrenti kienet ghadha kif welldet lill-uliedha tewmin, liema sitwazzjoni ma kinitex accetta mis-socjeta` ntimata.

Cio nonostante, t-Tribunal mhux se jimxi fuq l-ammonti ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) ghal kull vjolazzjoni u dan kif hemm riportat fit-tabella tan-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti ghall-vjolazzjonijiet tal-artikoli 81 tal-Kap 452, flimkien mal-paragrafi relattivi tal-istess artikolu. Illi fir-rigward ta' dawn il-vjolazzjonijiet kollha li hemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ossia, artikoli 81 (2) (a), (b), u (c) t-Tribunal qieghed jassorbixxi dawn il-vjolazzjonijiet fi vjolazzjoni wahda. It-Tribunal ghalhekk se jaghti kumpens fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) ghal dawn il-vjolazzjonijiet u li gew assorbiti fi vjolazzjoni wahda li saru taht artikoli 81 tal-Kap 452.

---

Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.

[67] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016), paragrafu 17.198, p. 463.

Illi t-Tribunal se jiehu in konsiderazzjoni l-perjodu ta' tlett xhur salarju, ossia ghaxart elef u disa' Ewro u hamsin centezmu (€10,009.50c) bhala salarju dovut lir-rikorrenti u dan skont l-ahhar salarju li kienet tippercepixxi fis-sena r-rikorrenti meta giet itterminata. It-Tribunal se jiehu ukoll in konsiderazzjoni l-ishma li r-rikorrenti ghandha fis-socjeta` Venture United Holding Limited u li huma fl-ammont ta' disgha u tletin elf sitt mija u tmienja (39,608) u li r-rikorrenti se tigi kkumpensata taghhom ukoll.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq bhala kumpens it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni dak kollu hawn fuq citat, ossia tlett xhur salarju fl-ammont ta' ghaxart elef u disa' Ewro u hamsin centezmu (€10,009.50c), l-ishma fl-ammont ta' disgha u tletin elf sitt mija u tmienja (39,608), u li bhala minimu ta' kull sehem it-Tribunal ha l-valur ta Ewro (€1) ghal kull sehem, u kif ukoll l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) ghall-vjolazzjonijiet taht artikolu 81 tal-Kap 452, u li komplessivament dan il-kumpens jammonta ghal hamsa sittin elf sitt mija u sbatax-il Ewro u hamsin centezmu (€65,617.50c), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta` ntimata Winunited Limited (C-35409) lir-rikorrenti, Marga Benitez-Alahija, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
Dr Geoffrey Vella LL.D.
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**